MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 164/15LM

**Il-Prim Imħallef Emeritu Dr Joseph Said Pullicino (I.D. Numru 0088737M) fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari**

**vs**

**Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u s-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Frar, 2015 mill-attur l-**Imħallef Emeritu Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari** li ppremetta u għamel is-segwenti talbiet:

1. *F'Settembru 2013 ġew konklużi żewġ eżerċizzji ta' promozzjonijiet fl-Armata. F'wieħed minnhom diversi Maġġuri ġew promossi għal Logotenent Kurunell, waqt li fl-ieħor diversi Logotenenti Kurunelli ġew promossi għal Kurunelli. Sussegwentement l-Uffiċċju tal-Ombudsman irċieva numru ta' ilmenti in konnessjoni mal-eżitu ta' dawn l-eżerċizzji ta' promozzjonijiet minn diversi Uffiċjali tal-Forzi Armati li allegaw li sofrew inġustizzja peress li sostnew li ġew maqbuża minn uffiċjali oħra li kellhom ferm anqas seniority, esperjenza u kwalifiki minnhom (l-"Ilmenti").*

2. *L-Uffiċċju tal-Ombudsman beda jinvestiga l-ilmenti skont kif provdut fl-Att dwar l-Ombudsman, Kap 385. L-ilmenti ġew notifikati lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati b'talba li jikkonsenja kull inkartament u dokumentazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni u, jekk jixtieq, jagħti r-reazzjonijiet tiegħu għall-allegazzjonijiet magħmula.*

3. *Fir-risposta tiegħu tal-10 Diċembru 2013, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati sostna li l-Uffiċjali involuti ma kinux segwew il-proċedura stipulata fl-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u li din kienet il-proċedura li fil-fehma tiegħu l-complainants kellhom isegwu. Skont dak l-Artikolu, l-Uffiċjali tal-Armata li jħossuhom aggravati bi kwalunkwe deċiżjoni fil-konfront tagħhom kellhom id-dritt li jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-President ta' Malta permezz tal-Kap Kmandat u tramite l-Ministru responsabbli għall-Forzi Armati.*

4. *Fid-dawl tar-risposta tal-Kap Kmandant u biex ikun jista' jissokta bl-investigazzjoni tiegħu, l-Ombudsman kiteb lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali responsabbli mill-Forzi Armati. F'din il-korrispondenza talbu l-kummenti tiegħu fuq l-Ilmenti, kif ukoll li jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-*

*ilmenti. Fl-istess ittra l-Ministeru ntalab jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar dawn l-eżerċizzji ta' promozzjoni, skont l-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Ombudsman, Kap 385.*

5. *Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru kategorikament irrifjuta li jipprovdi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba għaliex insista u qed jinsisti illi l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga l-Ilmenti u jippretendi illi l-Uffiċjali li ħassewhom aggravati kellhom jagħmlu użu mir-rimedju mogħti lilhom taħt l-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati billi jagħmlu petizzjoni lill-President ta' Malta.*

6. *Il-pożizzjoni tal-intimati dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman ġiet elaborata f'ittra tas-Segretarju Permanenti tat-2 ta' Ġunju 2014, kontrofirmata mill-Onorevoli Ministru responsabbli mill-Forzi Armati. Din l-ittra, flimkien ma' korrispondenza oħra relattiva, qed tiġi esibita ma' dan ir-rikors. F'din l-ittra, il-Ministeru jirribadixxi l-pożizzjoni tiegħu illi l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga l-Ilmenti f'dan l-istadju u jagħti diversi raġunijiet għal dan. Raġunijiet li huma fil-parti l-kbira irrilevanti għall-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni u li l-Ombudsman jista' biss jidħol fihom u jiddeċidihom jekk il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiġi sorvolata billi jiġi dikjarat li l-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tal-Ilmenti, skont kif isostni hu.*

7. *L-Ombudsman ċaħad l-eċċezzjoni tal-intimati tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni b'ittra komunikata lilhom fid-9 ta' April 2014 inkwantu li, fit-Taqsima B tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Ombudsman, jingħata espressament lill-Ombudsman il-jedd li jinvestiga ilmenti dwar il-Forzi Armati ta' Malta "għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni tal-<u>uffiċjali</u> u suldati...". Hi l-pożizzjoni tal-Ombudsman li l-leġiżlatur ried jagħti lis-*

*suldati u l-Uffiċjali tal-Armata f'dawn il-każijiet il-protezzjoni addizzjonali tar-rikors lejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman biex l-ilmenti tagħhom f'dawn il-każijiet jiġu investigati minn awtorità awtonoma u indipendenti li tista' tirrakkomanda redress f'każ ta' inġustizzja jew abbuż. Fil-fehma tal-Ombudsman dan il-jedd, mogħti b'liġi speċjali sussegwenti, hu fir-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u d-drittijiet tal-pensjoni u jidderoga mil-liġi li tirregola l-Armata li hi waħda ġenerali u anteċedenti. Il-pożizzjoni tal-Ombudsman hi li din hi l-liġi li tipprevali f'dawn il-każijiet u li ma tnaqqas xejn mis-saħħa tal-Artikolu 160 tal-Att dwar l-Armata li jibqa' jorbot fir-rigward tal-ilmenti l-oħra kollha li jista' jkollhom l-uffiċjali u s-suldati.*

8. *Għall-finijiet tal-Art. 13 tal-Kap 385, l-Ombudsman hu sodisfatt (u għamel il-pożizzjoni tiegħu ċara f'dan ir-rigward lill-intimati) li, mill-provi prodotti quddiemu sal-lum, illi l-Uffiċjali li għamlu ilment quddiemu ppruvaw b'kull mezz possibbli biex jiksbu rimedju għall-aggravju tagħhom. Fil-fehma tiegħu, hu għal kollox irraġonevoli, rażenti l-assurd, illi l-intimati jippretendu illi l-Uffiċjali involuti għandhom iressqu l-ilmenti tagħhom lill-President, permezz tas-servizzi tal-Kap Kmandant u tal-Ministru responsabbli għall-Armata, meta dawn stess qed jiġu espressament indikati minnhom bħala persuni direttament interessati u involuti fil-fatti li taw lok għall-aggravju.*

9. *Biex jilqa' għal sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, l-Ombudsman snin ilu indirizza l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni f'materja ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet tal-Uffiċjali, mal-Gvern. Din kienet ġiet riżolta bi ftehim, wara konsultazzjonijiet fit-tul mal-allura President ta' Malta, illum il-President Emeritu Dr George Abela, mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mal-awtoritajiet tal-Armata, li fihom ġie maqbul li l-Uffiċjali tal-Armata*

*jingħataw l-għażla f'ilmenti ta' din ix-xorta li jressqu l-aggravju tagħhom jew quddiem il-President ta' Malta jew quddiem l-Ombudsman Parlamentari. Dak il-ftehim wassal għal General Order maħruġ mill-Armata fil-11 ta' Novembru 2011 li jirrispetta l-kelma u l-ispirtu kemm tal-Att dwar l-Armata kif ukoll tal-Att dwar l-Ombudsman (ara Dok G).*

10. *Dan il-General Order għadu viġenti u jorbot mhux biss lill-Uffiċjali imma wkoll lill-awtoritajiet tal-Armata u l-istess Ministeru.*

11. *Jiġi sottomess ukoll illi l-pożizzjoni tal-Ombudsman Parlamentari tibqa' korretta u sostenibbli indipendentement minn din il-General Order għax hi bażata fuq interpretazzjoni korretta tal-liġi.*

12. *Fil-qadi tad-doveri tiegħu illi l-Ombudsman ħarrek lis-Segretarju Permanenti, l-intimat Kevin Mahoney, bis-saħħa tal-Artikolu 19(3) tal-Att dwar l-Ombudsman, Kap 385, biex jidher quddiemu fit-3 ta' Ġunju 2014 u jġib d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-promozzjonijiet inkwistjoni u biex iwieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulu. L-intimat Mahoney baqa' inadempjenti u, b'ittra datata 2 ta' Ġunju 2014 (Dok P), reġa' rrepeta li l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga l-Ilmenti.*

13. *Billi l-Ombudsman ma jistax effettivament jinvestiga l-ilmenti miġjuba quddiemu sakemm ma tiġix riżolta l-kwistjoni ġurisdizzjonali.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati, jew min minnhom, għaliex dina l-Onor. Qorti m'għandhiex – prevja dawk id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti oppurtuni -*

*a. Tiddikjara li l-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni biex jinvestiga ilmenti għar-rigward (biss) ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' uffiċjali u suldati fl-Armata;*

*b. Tiddikjara li hu l-Ombudsman li jiddeċiedi jekk għandu jew m'għandux jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu f'każi fejn hemm mezzi alternattivi u adegwati għal rimedju;*

*c. Tiddikjara li ladarba l-Omudsman iddikjara li l-complainants li ressqu l-ilmenti kienu, fil-fehma tiegħu, eżawrew ir-rimedji veri li kellhom, hu jista' jimxi 'l quddiem bl-investigazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-Ilmenti;*

*d. Tiddikjara li s-Segretarju Permanenti (recte) fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali hu ħati ta' disprezz lejn l-Ombudsman talli ma obdiex it-taħrika (Dok O) u talli rrifjuta li jippreżenta d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba minnu;*

*e. Tordna lill-intimati jipprovdu l-informazzjoni kollha li talab u li jista' jitlob l-Ombudsman fir-rigward tal-Ilmenti, u jidhru quddiemu biex jixhdu jekk l-Ombudsman hekk jitlob.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u s-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru** ppreżentata fis-16 ta' Marzu 2015 fejn eċċepew dan li ġej:

1. *Illi in linea preliminari, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan stante li fl-azzjoni odjerna l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali huwa diġà rappreżentat mis-Segretarju Permanenti u għalhekk għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti inkwantu l-materja mertu tal-azzjoni odjerna tinvolvi ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja tal-Forzi Armati liema materja għalhekk anke mill-istess natura tagħha hija parti mill-funzjonijiet eżerċitati mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jikkontestaw it-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt kemm proċeduralment kif ukoll fil-mertu;*

4. *Illi r-rikorrenti ma għandu l-ebda ġurisdizzjoni li jinvestiga l-ilmenti tal-uffiċjali fi ħdan l-Armata u dan peress li l-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta) ma japplikax għall-korpi li huma elenkati fit-Taqsima B tal-Ewwel Skeda tal-istess Att sakemm ma tinġiebx prova b'sodisfazzjon tal-Ombudsman li tkun turi li kull mezz possibbli għall-ksib ta' rimedju jkun ġie eżawrit;*

5. *Illi dak li jikkwalifika bħala "kull mezz possibbli għall-ksib ta' rimedju" jinsab fl-Artikolu 160 (2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li l-ilmenti għandhom fl-ewwel istanza jiġu investigati mill-Kmandant tal-Forzi Armati liema Kmandant jista' jagħti r-rimedju li jidhirlu li jkun meħtieg u f'każijiet fejn l-ilment hekk ikun jeħtieg, il-Kmandant għandu permezz tal-*

*Ministru jagħmel rapport tal-ilment lill-President ta' Malta sabiex jirċievi d-direttivi tal-President ta' Malta;*

6. *Illi ċertament li r-rikorrenti ma jistax jassumi ġurisdizzjoni li ma tappartjeniex lilu skont il-liġi. Il-ġurisdizzjoni hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u ma tistax tiġi assunta jekk ma tirrizultax mil-ligi u dan għaliex jekk ir-rikorrent jassumi l-ġurisdizzjoni meta ma għandux tali ġurisdizzjoni l-investigazzjoni tkun eżerċizzju bonarju inutili mingħajr fondament ġuridiku;*

7. *Illi l-liġi speċjali li tirregola l-Armata u l-uffiċjali fi ħdan l-Armata huwa l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u mhux l-Att dwar l-Ombudsman. Illi r-rimedji li jridu jiġu eżawriti huma r-rimedji maħsuba fl-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u ma teżisti l-ebda eċċezzjoni għal tali regola;*

8. *Illi l-General Order tal-11 ta' Novembru 2011 ma tipprovdix għall-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman f'dawn il-każijiet liema ġurisdizzjoni għandha toħroġ espressament mil-liġi u fejn il-liġi tipprovdi tassattivament li għandhom jiġu eżawriti l-mezzi kollha possibbli għall-ksib ta' rimedju liema rimedji jinsabu fl-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. Illi ċertament kulma jagħmel il-General Order huwa li jipprovdi modus vivendi liema modus vivendi huwa biss arranġament ad hoc li jitħaddem fejn l-Armata jidhrilha li jista' jipprovdi soluzzjoni prattika iżda ma għandux il-forza ta' liġi u ċertament ma jistax iservi bħala bażi ta' interpretazzjoni tal-liġi;*

9. *Illi l-esponenti jopponu għall-allegazzjoni li s-Segretarju Permanenti esponent għalkemm imħarrek kien inadempjenti. Illi skont l-Artikolu 19 (1) tal-Att dwar l-Ombudsman, ir-rikorrent jista' jħarrek biss persuni fil-kors ta' investigazzjoni ta' xi kwistjoni. Illi ġaladarba r-rikorrenti ma għandu l-ebda ġurisdizzjoni biex jisma' l-ilmenti tal-*

*uffiċjali, l-istess rikorrenti ma jistax jinvestiga tali ilment stante li huwa prekluż mil-liġi milli jagħmel dan speċjalment fil-punt ta' żmien partikolari meta jrid jagħmlu. Illi t-taħrika maħruġa in konfront tas-Segretarju Permanenti esponenti kienet waħda li tesorbita l-poteri mogħtija lir-rikorrenti;*

10. *Illi l-esponenti jeċepixxu li r-rikorrenti ma għandux il-vires u l-locus standi neċessarji biex jintavola l-kawża odjerna u dan stante li r-rikorrenti ma jistax jinjora l-limitazzjoni imposta mill-Att dwar l-Ombudsman stess li tipprekludih milli jinvestiga xi ilment sakemm il-mezzi kollha għall-ksib ta' rimedju jkunu ġew eżawriti u li f'dan il-każ ifisser li jkun ġie eżawrit dak provdut fl-Artikolu 160 (2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

11. *Illi l-esponenti jeċepixxu li l-Ombudsman ma għandu l-ebda poter li jiddeċiedi hu jekk għandu jew m'għandux jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu f'każi fejn hemm mezzi alternattivi u adegwati għal rimedju u li tali deċiżjoni tmur espressament kontra l-verb tal-liġi;*

12. *Illi l-esponenti jeċepixxu li mhuwiex korrett ir-rikorrenti meta jitlob li s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru jiġi misjub ħati ta' disprezz u dan stante li fl-ewwel lok l-Ombudsman ma seta' (recte) qatt jibda jinvestiga l-ilmenti u jiġbor provi dwar l-ilmenti ġaladarba ma għandux ġurisdizzjoni kif ukoll stante li dan mhuwiex il-forum appożitu sabiex tinġieb tali talba skont l-Artikolu 19 (3) tal-Att dwar l-Ombudsman;*

13. *Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti li ġew esebiti mill-partijiet.

Rat in-Nota tal-attur li ġiet imressqa fit-13 ta' Marzu, 2015 li permezz tagħha ppreżenta l-affidavits tiegħu u ta' Dr. Brian Said.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2015 fejn il-konvenuti ġew ordnati jippreżentaw Nota fejn tingħata spjegazzjoni dwar it-tieni eċċezzjoni tagħhom rigward in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti inkwantu l-materja mertu tal-azzjoni odjerna tinvolvi ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja tal-Forzi Armati ta' Malta, liema materja skont il-konvenuti, anke mill-istess natura tagħha hija għalhekk parti mill-funzjonijiet eżerċitati mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra.

Rat in-Nota tal-konvenuti li ġiet imressqa fis-6 ta' April, 2015 bħala spjegazzjoni dwar it-tieni eċċezzjoni tagħhom rigward in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-attur għall-imsemmijia Nota tal-konvenuti ppreżentata fit-13 ta' April, 2015.

Rat in-Nota tal-konvenuti li ġiet imressqa fl-10 ta' April, 2015 li permezz tagħha ġie ppreżentat l-affidavit tal-konvenut Kevin Mahoney.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tal-attur ippreżentata fit-8 ta' Mejju, 2015.

Rat in-Nota Responsiva tal-konvenuti ppreżentata fit-8 ta' Ġunju, 2015.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

L-attur **Dr. Joseph Said Pullicino** fil-vesti tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari ikkonferma bil-ġurament[1]:

1. *F'Settembru 2013 kienu ġew konklużi żewġ eżerċizzji ta' promozzjonijiet fl-Armata. F'wieħed minnhom diversi Maġġuri ġew promossi għal Logotenent Kurunell, waqt li fl-ieħor diversi Logotenenti Kurunelli ġew promossi għal Kurunelli. Sussegwentement l-Uffiċċju tal-Ombudsman irċieva numru ta' ilmenti inkonnessjoni mal-eżitu ta' dawn l-eżerċizzji ta' promozzjonijiet minn diversi Uffiċjali tal-Forzi Armati li allegaw li sofrew inġustizzja peress li sostnew li ġew maqbuża minn uffiċjali*

[1] A fol. 76 sa 79 tal-proċess.

*oħra li kellhom ferm anqas seniority, esperjenza u kwalifiki minnhom ("l-Ilmenti").*

2. *L-Uffiċċju tal-Ombudsman beda jinvestiga l-Ilmenti skont kif provdut fl-Att dwar l-Ombudsman, Kap 385. L-Ilmenti ġew notifikati lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati b'talba li jikkonsenja kull inkartament u dokumentazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni u, jekk jixtieq, jagħti r-reazzjonijiet tiegħu għall-allegazzjonijiet magħmula.*

3. *Fir-risposta tiegħu tal-10 Diċembru 2013, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati sostna li l-Uffiċjali involuti ma kinux segwew il-proċedura stipulata fl-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u li din kienet il-proċedura li fil-fehma tiegħu il-complainants kellhom isegwu. Skont dak l-Artikolu, l-Uffiċjali tal-Armata li jħossuhom aggravati bi kwalunkwe deċiżjoni fil-konfront tagħhom kellhom id-dritt li jressqu l-ilment tagħhom quddiem il-President ta' Malta permezz tal-Kap Kmandat u tramite il-Ministru responsabbli għall-Forzi Armati.*

4. *Fid-dawl tar-risposta tal-Kap Kmandant u biex inkun nista' nissokta bl-investigazzjoni tiegħi, jiena ktibt lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali responsabbli mill-Forzi Armati. F'din il-korrispondenza talbtu l-kummenti tiegħu fuq l-Ilmenti, kif ukoll li jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-Ilmenti. Fl-istess ittra l-Ministeru ntalab jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar dawn l-eżerċizzji ta' promozzjoni, skont l-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Ombudsman, Kap 385.*

5. *Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru kategorikament irrifjuta li jipprovdi d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba għaliex*

*insista u qed jinsisti illi l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga l-Ilmenti u jippretendi illi l-Uffiċjali li ħassewhom aggravati kellhom jagħmlu użu mir-rimedju mogħti lilhom taħt l-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati billi jagħmlu petizzjoni lill-President ta' Malta.*

6. *Il-pożizzjoni tal-konvenuti dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman ġiet elaborata f'ittra tas-Segretarju Permanenti tat-2 ta' Ġunju 2014, kontrofirmata mill-Onorevoli Ministru responsabbli mill-Forzi Armati. F'din l-ittra, il-Ministeru jirribadixxi l-pożizzjoni tiegħu illi l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga l-Ilmenti f'dan l-istadju u jagħti diversi raġunijiet għal dan. Raġunijiet li huma fil-parti l-kbira rrilevanti għall-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni u li l-Ombudsman jista' biss jidħol fihom u jiddeċidihom jekk il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiġi sorvolata billi jiġi dikjarat li l-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni fir-rigward tal-Ilmenti, skont kif isostni hu;*

7. *Jien ċħadt l-eċċezzjoni tal-konvenuti tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni b'ittra komunikata lilhom fid-9 ta' April 2014 inkwantu li, fit-Taqsima B tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Ombudsman, jingħata espressament lill-Ombudsman il-jedd li jinvestiga ilmenti dwar il-Forzi Armati ta' Malta "għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni tal-uffiċjali u suldati...". Hi l-pożizzjoni tal-Ombudsman li l-leġiżlatur ried jagħti lis-suldati u l-Uffiċjali tal-Armata f'dawn il-każijiet il-protezzjoni addizzjonali tar-rikors lejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman biex l-ilmenti tagħhom f'dawn il-każijiet jiġu investigati minn awtorità awtonoma u indipendenti li tista' tirrakkomanda redress f'każ ta' inġustizzja jew abbuż. Fil-fehma tal-Ombudsman dan il-jedd, mogħti b'liġi speċjali sussegwenti, hu fir-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet,*

*salarji u d-drittijiet tal-pensjoni u jidderoga mil-liġi li tirregola l-Armata li hi waħda ġenerali u anteċedenti. Il-pożizzjoni li ħadt jien bħala Ombudsman hi li din hi l-liġi li tipprevali f'dawn il-każijiet u li ma tnaqqas xejn mis-saħħa tal-Artikolu 160 tal-Att dwar l-Armata li jibqa' jorbot fir-rigward tal-ilmenti l-oħra kollha li jista' jkollhom l-uffiċjali u s-suldati;*

8. *L-interpretazzjoni żbaljata tal-Att dwar l-Ombudsman li qed jippersistu li jagħtu l-konvenuti hija għal kollox irraġonevoli u tirrażenti l-assurd ukoll għaliex:*

   A. *Il-President ta' Malta kieku kellha tikkunsidra ilmenti ta' din ix-xorta riferuti lilha mill-Kap Kmandant ikollha l-obbligu kostituzzjonalment li taġixxi fuq il-parir tal-Ministru responsabbli għall-istess Armata li lilu l-Kap Kmandant għandu jirrispondi;*

   B. *F'kull każ, l-Att dwar l-Ombudsman fl-Ewwel Skeda jelenka lill-President ta' Malta bħala l-ewwel persuna li għaliha dak l-Att ma japplikax. Dan ifisser li l-Ombudsman hu bil-liġi eżawtorat li jqis u wisq anqas jinvestiga l-fehma, parir jew rakkomandazzjoni tal-President dwar dawn l-ilmenti, anki kieku dawn kellhom jingħataw minnha b'xi vires naxxenti mill-kariga presidenzjali. Poteri residwali li l-President ta' Malta m'għandux skont il-Kostituzzjoni;*

   C. *Hu wkoll istituzzjonalment assurd li wieħed isostni li l-Ombudsman, uffiċjal tal-Parlament, għandu jkollu xi poter li jissindika l-operat tal-President fl-investigazzjoni ta' dawn l-ilmenti. Hu ovvju li fl-iskala istituzzjonali, il-Presidenza jeħtieġ li*

*tkun u tibqa' rikonoxxuta u miżmuma bħala l-ogħla grad ta' fonti ta' ġustizzja u grazzja fil-pajjiż.*

9. *Għall-finijiet tal-Art. 13 tal-Kap 385, jien kont sodisfatt (u għamilt il-pożizzjoni tiegħi ċara f'dan ir-rigward lill-konvenuti) li, mill-provi prodotti quddiemi sal-lum, illi l-uffiċjali li għamlu ilment quddiemi ppruvaw b'kull mezz possibbli biex jiksbu rimedju għall-aggravju tagħhom. Fil-fehma tiegħi, il-konvenuti ma jistgħux jippretendu illi l-Uffiċjali involuti għandhom iressqu l-ilmenti tagħhom lill-President, permezz tas-servizzi tal-Kap Kmandant u tal-Ministru responsabbli għall-Armata, meta dawn stess qed jiġu espressament indikati minnhom bħala persuni direttament interessati u involuti fil-fatti li taw lok għall-aggravju;*

10. *Snin ilu, jiena indirizzajt l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni f'materja ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet tal-Uffiċjali, mal-Gvern. Din kienet ġiet riżolta bi ftehim, wara konsultazzjonijiet fit-tul mal-allura President ta' Malta, illum il-President Emeritu Dr George Abela, mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mal-awtoritajiet tal-Armata, li fihom ġie maqbul li l-Uffiċjali tal-Armata jingħataw l-għażla f'ilmenti ta' din ix-xorta li jressqu l-aggravju tagħhom jew quddiem il-President ta' Malta jew quddiem l-Ombudsman Parlamentari. Dak il-ftehim wassal għal General Order maħruġ mill-Armata fil-11 ta' Novembru 2011 li jirrispetta l-kelma u l-ispirtu kemm tal-Att dwar l-Armata kif ukoll tal-Att dwar l-Ombudsman;*

11. *F'dan l-istadju għandi ngħid li Dr Peter Grech, l-attwali Avukat Ġenerali, li kien parteċipi fit-taħditiet li saru sakemm ħarġet il-General Order imsemmi, kien tal-opinjoni li d-diverġenza li jidher bejn it-test Ingliż u t-test Malti tal-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-*

*Forzi Armati ta' Malta għandu jinftiehem bħala "jekk l-ilment ikun hemm talba għal hekk" jiġifieri kien f'idejn l-Uffiċjal li għandu aggravju jekk jagħżilx li jagħmel petizzjoni biex tiġi ppreżentata lill-President ta' Malta. Dan huwa kuntrarju, ikolli ngħid, għal dak li qiegħed jingħad issa mill-Avukat Ġenerali fir-risposta għar-rikors sabiex il-kawża tinstema' b'urġenza li Uffiċjal għandu juża r-rimedji kollha disponibbli mil-liġi dwar l-Armata qabel ma jażżarda jibgħat ilment lill-Ombudsman;*

12. *Min-naħa tiegħi, jiena għamiltha ċara li ma nara xejn inkonsistenti bejn dak li jgħid l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u l-Att dwar l-Ombudsman peress li l-Uffiċjali għamlu dak kollu li setgħu skont il-liġi tal-Armata meta resqu l-ilment tagħhom lill-Kap Kmandant tal-Armata. Wara li ma ħadux ir-redress li ħasbu li kellhom jieħdu, huma għażlu, skont il-General Order u in linea ma' dak li hu ġust u xieraq, li jilmentaw miegħi;*

13. *Dan il-General Order għadu viġenti u jorbot mhux biss lill-Uffiċjali imma wkoll lill-awtoritajiet tal-Armata u l-istess Ministeru;*

14. *Jien tal-fehma wkoll li l-pożizzjoni li ħadt bħala Ombudsman Parlamentari tibqa' korretta u sostenibbli indipendentement minn din il-General Order għax hi bażata fuq interpretazzjoni korretta tal-liġi.*

15. *Għandi ngħid ukoll li jiena ħarrikt lis-Segretarju Permanenti, Kevin Mahoney, bis-saħħa tal-Artikolu 19(3) tal-Att dwar l-Ombudsman, Kap 385, biex jidher quddiemi fit-3 ta' Ġunju 2014 u jġib d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-promozzjonijiet inkwistjoni u biex iwieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulu. Is-Sur Mahoney baqa' inadempjenti u, b'ittra datata 2 ta'*

*Ġunju 2014, reġa' rrepeta li l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga l-Ilmenti.*

**Dr. Brian Said** bħala *Senior Investigating Officer* fl-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkonferma bil-ġurament[2]:

1. *Jien ġejt inkarigat mill-Ombudsman biex ninvestiga l-ilmenti mertu ta' din il-kawża mressqa mill-Uffiċjali tal-Armata stess. Biex nispjega l-proċess tat-tqassim tal-każijiet, ngħid li kull ilment li jirċievi l-Uffiċċju jgħaddi għand l-Ombudsman. Huwa l-Ombudsman li jassenja u jqassam l-ilmenti lill-investigaturi biex dawn jiġu investigati. L-Ombudsman għalhekk iddeċieda li dawn il-każijiet jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi;*

2. *Mhux kull każ li jiġi assenjat lill-investigaturi jiġi investigat. Fost ir-raġunijiet għaliex ikun hemm każijiet li ma jiġux investigati hemm meta min jilmenta ma jkunx eżawrixxa l-proċeduri eżistenti biex jingħata rimedju jew meta dawn ma jaqgħux taħt il-provvedimenti dwar il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman skont l-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta);*

3. *Fil-każ inkwistjoni, jiġifieri l-ilmenti tal-Uffiċjali, jien deherli, anki b'konsultazzjoni mal-Ombudsman, li dawn l-ilmenti setgħu jiġu investigati. Jien kont naf li kienu saru diskussjonijiet u laqgħat bejn l-2007 u l-2011 meta kienet qamet il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni. Jien ma kontx involut però jien kont sodisfatt li l-Uffiċċju tal-Ombudsman seta' jinvestiga dawn l-ilmenti peress li kienet instabet soluzzjoni li*

[2] A fol. 80 sa 82 tal-proċess.

*ġiet riflessa fil-General Order tal-11 ta' Novembru, 2011. B'dik il-General Order kienet iċċarata l-pożizzjoni tal-Uffiċjali. Id-dritt tagħhom li jilmentaw mal-Ombudsman kien ġie ssalvagwardjat. L-Uffiċċju tal-Ombudsman ma kellux is-setgħa jinvestiga biss jekk l-ilmenti tagħhom ikunu diġà tressqu għal redress quddiem il-President ta' Malta;*

4. *L-Ombudsman irċieva żewġ tipi ta' ilmenti peress li kien hemm żewġ eżerċizzji ta' promozzjoni – wieħed minn Maġġuri għall-Logotenent Kurunelli u ieħor minn Logotenent Kurunelli għall-Kurunelli. L-ewwel li għamilt kien li ktibt lill-Kap Kmandant f'Novembru 2013 biex jagħtini l-kummenti tiegħu dwar l-ilment li kienu ressqu l-Uffiċjali. Għandi ngħid li jien ktibt fuq kull ilment separatament. Għamilt hekk għaliex din ma kinitx investigazzjoni kollettiva imma waħda fejn il-Kmandant intalab jipprovdi informazzjoni fuq kull uffiċjal individwalment. It-talba tiegħi kienet tinkludi l-produzzjoni tal-files dwar il-proċessi ta' promozzjoni u kull dokumentazzjoni oħra rilevanti għall-każ u dan skont ma jipprovdi l-Att dwar l-Ombudsman;*

5. *It-tweġiba li ħadt kienet li l-Uffiċjali kellhom jużaw ir-rimedju li jagħtihom l-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati (Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan kien ifisser li kien ikollhom iressqu petizzjoni quddiem il-President ta' Malta wara r-redress li jkunu ħadu mill-Kap Kmandant;*

6. *Jien erġajt ktibt lill-Kap Kmandant fis-17 ta' Diċembru, 2013 fejn għarraftu li jiena ma qbiltx mal-argumenti tiegħu u li l-Ombudsman kellu ġurisdizzjoni biex jinvestiga. Għarraftu wkoll li l-Ministeru stess kien aċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman fiż-żewġ rapporti li kien għamel dwar il-każijiet ta' żewġ uffiċjali tal-Armata u dakinhar il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman ma ġietx ikkontestata;*

7. *F'din il-korrispondenza, semmejt il-General Order ta' Novembru 2011 li kienet għadha, u safejn naf jien għadha, viġenti s'issa, li l-Uffiċjali kellhom l-għażla li jippreżentaw ilment quddiem l-Ombudsman u mhux bilfors jagħmlu petizzjoni lill-President;*

8. *Ftit wara, fit-23 ta' Diċembru, 2013 jien ktibt lis-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, fejn informajtu formalment li l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien qed jinvestiga diversi ilmenti ta' Uffiċjali tal-Armata u semmejt li l-Kap Kmandant tal-Armata kien irrifjuta li jgħaddilna d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni. Tlabt ir-reazzjoni tiegħu u għamiltha wkoll ċara li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ried il-files u l-inkartament kollu li kellu x'jaqsam mal-investigazzjoni;*

9. *Is-Segretarju Permanenti rrifjuta li jgħaddilna dan l-inkartament u qal li kien ser jitlob il-parir tal-Avukat Ġenerali;*

10. *Din ir-riluttanza li l-Armata u l-Ministeru jagħtuni l-inkartament u d-dokumentazzjoni kollha li tlabt ħallietni sorpriż. Ir-raġuni għal dan kienet li l-Ministeru kien aċċetta li l-Ombudsman kellu ġurisdizzjoni fil-materja tal-ilmenti ta' Uffiċjali għaliex proprju kien aċċetta żewġ rapporti li l-Ombudsman kien ta fil-Każ Nru I 0187 u fil-Każ Nru J 0147;*

11. *F'dan l-istadju ngħid ukoll li meta jien kont Investigating Officer bejn l-1995 u l-1999, l-Uffiċċju tal-Ombudsman kien investiga ilmenti li ressqu uffiċjali, per eżempju, f'Mejju tal-1998 meta l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kien ħareġ ċirkolari dwar proċedura ġdida għall-promozzjonijiet;*

12. *Fis-7 ta' Jannar, 2014, l-Ombudsman u jien iltqajna mas-Sur Mahoney u mas-Sur John Sant, dak iż-żmien Direttur Ġenerali fl-istess Ministeru. Huwa baqa' jinsisti li l-Uffiċjali iridu bilfors jagħmlu petizzjoni lill-President ta' Malta. Din it-teżi ma ġietx aċċettata mill-Ombudsman u minni peress li ħassejna li dawn l-individwi ma setgħux jiġu mċaħħda mid-dritt li tagħtihom il-liġi stess;*

13. *Is-Sur Mahoney reġa' tenna li kellu bżonn jieħu il-parir tal-Avukat Ġenerali. Iżda l-Uffiċċju tal-Ombudsman qatt ma rċieva tagħrif dwar dan il-parir;*

14. *Wara din il-laqgħa, l-Ombudsman kiteb lill-Ministru Manuel Mallia u lis-Segretarju Permanenti u riċentament anke lill-Ministru Carmelo Abela għal żblokk fil-kwistjoni. Però, l-argument tal-Amministrazzjoni kien li l-Ombudsman ma kellux ġurisdizzjoni. Kien għalhekk li l-Ombudsman kien konvint li jitlob l-interpretazzjoni tal-Qorti permezz ta' kawża.*

Il-konvenut **Kevin Mahoney** fil-vesti tiegħu ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali kkonferma bil-ġurament tiegħu[3]:

1. *F'din il-kawża jidhirli li l-Ombudsman qiegħed jipprova jassumi ġurisdizzjoni li f'dan l-istadju l-liġi ma tagħtihx;*

2. *Il-kawża hija dwar eżerċizzji ta' promozzjonijiet li saru fil-Forzi Armati. L-Artikolu 160 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, li*

[3] A fol. 96 sa 98 tal-proċess.

*jipprovdi proċedura ta' 'Rimedju għal ilmenti', huwa ċar fis-sens illi uffiċjal li jkollu ilment, li jista' jkun dwar ħatra jew promozzjoni, jekk iħoss il-ħtieġa jista':*

*(a) Jagħmel ilment lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati;*
*(b) Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati għandu obbligu li jinvestiga dak l-ilment;*
*(c) Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati għandu jiddeċiedi dwar dak l-ilment; u*
*(d) L-uffiċjal li ma jkunx ingħata dak li jkun qed jitlob, għandu d-dritt li jitlob li l-każ tiegħu jiġi riferut lill-President ta' Malta biex tingħata direzzjoni. Dan jirrifletti l-kuntest li fih il-President ta' Malta, bħal ħafna Kapijiet ta' Stati oħrajn, hija l-"Commander in Chief" tal-Forzi Armati u li finalment lilha tirrispondi l-Armata;*

3. *L-Att dwar l-Ombudsman, imbagħad, jgħid li l-Ombudsman skont l-Artikolu 12 moqri mat-Taqsima B tal-Ewwel Skeda, m'għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga lmenti dwar ħatriet jew promozzjonijiet fil-Forzi Armati ħlief jekk tinġieb "prova b'sodisfazzjon tal-Ombudsman li tkun turi li kull mezz possibbli għal ksib ta' rimedju jkun ġie eżawrit". Huwa ċar illi r-rikors lill-President ta' Malta li hija l-ogħla awtorità tal-Istat jinkwadra bħala "mezz possibbli għall-ksib ta' rimedju" li ma jistax jiġi injorat;*

4. *F'dan il-każ, l-uffiċjali li qed jagħmlu l-ilment jidher li ressqu l-każ tagħhom quddiem il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li kien jokkupa l-kariga dak iż-żmien u għamlu dan billi staqsew numri ta' domandi lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati dwar pereżempju l-kriterja ta' selezzjoni. Il-Kap Kmandant wieġeb għal uħud minn dawn id-*

*domandi u għal oħrajn wieġeb biss li għadu ma kellux tweġiba u fil-fatt kiteb lili sabiex inwieġeb jien;*

5. *Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, għalhekk, qatt ma ħa deċiżjoni jekk l-ilment kienx ġustifikat jew le. Fil-fatt lanqas tant jidher li investigah, u wisq inqas ma ġie riferut lill-President ta' Malta kif mitlub mil-liġi. Għalhekk huwa ċar illi l-Ombudsman ma jistax jgħid li "kull mezz" possibbli għall-ksib ta' rimedju ġie eżawrit. Fil-fatt l-Ombudsman qiegħed jgħid hekk, però jien insostni li qiegħed ikun arbitrarju fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan peress li huwa ċar illi r-rimedju pprovdut bl-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta irid ikun kollu ġie eżawrit qabel ma jiskatta l-poter ta' investigazzjoni tal-Ombudsman u f'dan il-każ l-apparenza ta' kif ġraw il-fatti tagħti lok għal suspett illi sar xi ftehim anke forsi taċitu bejn il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iż-żmien u l-uffiċjali li qegħdin jagħmlu l-ilment fis-sens illi l-ilment ma jiġix deċiż mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati sabiex l-uffiċjali jipproċedu għal quddiem l-Ombudsman. Qed ngħid hekk peress li għad illi l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ma ħa ebda deċiżjoni fuq l-ilment, ħadd mill-uffiċjali li kien qed jagħmel l-ilment ma pprotesta dwar dan jew ma talab li tittieħed deċiżjoni mill-Kap Kmandant;*

6. *Inkwantu f'din il-kawża qed issir riferenza għall-General Order tal-11 ta' Novembru, 2011, għall-grazzja tal-argument ngħid illi biex tiskatta din il-General Order il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati irid ikun ta deċiżjoni u fil-fatt din id-deċiżjoni hu ma tahiex. Dan apparti l-fatt li l-General Order qatt ma tista' tiġi interpretata bħala ħaġa 'l fuq mil-liġi jew li għandha forza ta' liġi iżda tidher illi għall-massimu hija biss offerta ta' arranġament prattiku li m'għandu l-ebda forza legali biex imur kontra l-Att dwar il-Forzi Armati jew xi liġi oħra. Illi wisq inqas ma' din il-General Order ma jista' jkollha xi effett fuq il-*

*ġurisdizzjoni tal-Ombudsman skont il-liġi u dan peress illi dik il-General Order hija ċirkolari interna fil-Forzi Armati, u li għalhekk tapplika għal ċirka 1,700 ruħ, u li għaliha l-Ombudsman huwa estraneju fis-sens illi la tista' żżidlu u lanqas tnaqqaslu l-ġurisdizzjoni tiegħu, liema ġurisdizzjoni hija regolata espressament mill-Att dwar l-Ombudsman;*

7. *Għandi ngħid li l-atteġġjament tal-Ombudsman huwa inkonsistenti u diametrikament oppost għall-pożizzjoni li kien ħa l-Ombudsman (għalkemm mhux l-istess persuna) fuq ilment ta' fizzjal ieħor dwar promozzjoni. Ma' dan l-affidavit qed nesebixxi l-korrispondenza relattiva (anessa bħala 'Dok. KM 1' sa 'Dok. KM 2'). Ngħid illi jiena naqbel u effettivament mxejt ukoll skont il-kontenut ta' Dok A anness mar-rikors promotur fir-risposti tiegħi lill-Ombudsman dwar l-ilmenti f'din il-kawża;*

8. *Nixtieq ngħid ukoll li hemm tendenza li l-Ombudsman jinnotifika lill-Forzi Armati b'kull ilment li jirċievi irrispettivament jekk dan l-ilment jaqax fil-mansjonijiet tiegħu jew le. F'dan ir-rigward qed nesebixxi korrispondenza annessa bħala 'Dok. KM 3' sa 'Dok. KM 9'. Jidher għalhekk li mhijiex l-ewwel darba li l-Ombudsman talab li jinvestiga lmenti li dwarhom ma għandux ġurisdizzjoni skont il-liġi u għaldaqstant l-informazzjoni ma ġietx mgħoddija lilu;*

9. *Fir-rigward li qiegħed jiġi attribwit lili li jien wettaqt disprezz lejn l-Ombudsman, irrid ngħid li jien bl-ebda mod ma kelli animu ta' disprezz imma kont qiegħed insostni l-pożizzjoni tiegħi fis-sens li l-Ombudsman ma għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga dan l-ilment kif fil-fatt qiegħed isostni f'din il-kawża, u kif ġa semmejt, kont qiegħed ukoll nibbaża ruħi fuq l-ittra Dok A fuq imsemmija. Irrid nagħmilha ċara li kieku jien naqbel u nissokkombi għal kull talba li ssirli mill-*

*Ombudsman irrispettivament minn jekk ikollux ġurisdizzjoni biex jinvestiga ilment jew le, il-bilanċ stabbilit mil-liġijiet rilevanti u ċjoè l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u l-Att dwar l-Ombudsman ma jinżammx u dan jagħti lok fil-fehma tiegħi għall-arbitrarjetà.*

10. *Jien ma nistax nifhem kif ir-rimedju tramite r-riferenza tal-każijiet lill-President ta' Malta fil-kuntest tal-Armata donnu qiegħed jitqies mill-Ombudsman bħala mhux mezz adegwat ta' rimedju. Dan fil-fehma tiegħi jiddisturba wkoll ic-chain of command fl-Armata li f'korp dixxiplinat bħall-militar hija indubbjament essenzjali. Nixtieq nirrileva wkoll illi fil-każ ta' promozzjonijiet għoljin ta' uffiċjali fil-militar, dawn ikunu jirrikjedu sercurity clearance ta' livell elevat ħafna minħabba n-natura delikata ta' informazzjoni u dokumenti li jkunu esposti għalihom, kemm fuq bażi lokali u anki fil-front internazzjonali u relazzjonijiet bejn pajjiżi. Fil-fehma tiegħi dan ukoll iżid mal-argument illi tali ħatriet huma fil-fatt funzjonijiet eżerċitati mill-Gvern inkwantu huma att tal-Istat u għalhekk aktar u aktar huwa mis-sewwa li jkunu riferuti lill-Kap tal-Istat. Nixtieq inżid ukoll illi skont l-Artikolu 13(3) tal-Att dwar l-Ombudsman, "l-Ombudsman jista', jekk iqis li jkun sew li jagħmel hekk, jirrifjuta milli jwettaq is-setgħa tiegħu taħt dan l-artikolu f'kull każ fejn ikun hemm jew kien hemm disponibbli għal min jagħmel l-ilment mezzi biżżejjed ta' rimedju taħt xi liġi oħra". Jidher għalhekk illi l-Ombudsman għandu l-fakultajiet legali kollha li ma jinvestigax ilment wara li tkun tat direzzjoni dwaru l-President ta' Malta;*

11. *Illi ngħid ukoll li min-natura tad-dokumenti mitluba mill-Ombudsman huwa ċar illi dak li jrid jinvestiga l-Ombudsman huwa l-mertu tal-eżerċizzju ta' selezzjoni u mhux jekk hemmx xi irregolarità fil-proċess. Dan ukoll nemmen li jaqa' b'mod ċar barra mill-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman speċjalment fil-kuntest tal-Armata;*

12. *B'referenza għall-affidavit ta' Dr. Brian Said fejn jagħmel referenza għal żewġ rakkomandazzjonijiet mill-Ombudsman fejn il-ġurisdizzjoni tiegħu ma ġietx ikkontestata, nixtieq nikkjarifika illi fl-ewwel lok, l-commitment f'dawk iż-żewġ każi li jitħallsu arretrati ta' salarju kien diġà sar mill-predeċessuri tiegħi taħt amministrazzjoni differenti u li kienu wkoll diġà infurmaw lil min kien ilmenta illi l-pagament kien qiegħed jiġi pproċessat. Jien għalhekk ħassejt illi dan il-commitment kellu jiġi onorat anki sabiex l-individwi inkwistjoni ma jsofrux inġustizzja fis-sens illi l-ewwel jiġi mgħarraf lilhom mod, imbagħad dik id-deċiżjoni tiġi irtirata;*

13. *Jien għalhekk insostni illi l-Ombudsman għandu jesiġi li l-mezz xieraq ta' rimedju provdut fl-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta għandu jitħalla jiġi eżegwit.*

**<u>It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti</u>**

Din il-Qorti tqis li qabel kull kunsiderazzjoni oħra, għandha tiġi ttrattata t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li qegħdin isostnu n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti inkwantu l-materja mertu tal-azzjoni odjerna tinvolvi ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja tal-Forzi Armati, liema materja għalhekk anke mill-istess natura tagħha hija parti mill-funzjonijiet eżerċitati mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra.

Fin-Nota ppreżentata mill-konvenuti fis-6 ta' April, 2015 fejn ingħatat spjegazzjoni dwar din it-tieni eċċezzjoni tagħhom[4], huma jsostnu li dina l-eċċezzjoni hija mibnija fuq id-dritt pubbliku u li tqanqal kwistjoni li fin-natura tagħha hija ta' ordni pubbliku. Skont il-konvenuti, f'sitwazzjoni li tittratta ħatriet għoljin fis-servizz pubbliku u b'mod partikolari f'settur delikat bħalma hija l-Armata, il-ħatriet bifors irid ikollhom element ta' fiduċja. Dak l-element ta' fiduċja fl-affidament illi persuna tagħti illi hija se tkun kapaċi taqdi ċerti funzjonijiet ta' importanza nazzjonali huwa wkoll neċessarjament munit minn element xi ftit soġġettiv. Il-konvenuti jsostnu li ma hemm xejn intrinsikament ħażin f'dik is-soġġettività diment illi din tiġi eżerċitata in buona fede u fl-aħjar interess tal-pajjiż kif jifhimha min ikun qiegħed jagħmel il-ħatra inkwistjoni.

Il-konvenuti jkomplu billi jagħmluha ċara illi bl-element tal-fiduċja soġġettiva wieħed mhux qiegħed jirreferi għall-fiduċja partiġġjana iżda fiduċja fil-persuna kif toħroġ fil-każijiet ta' ħatra ta' ġudikant, ħatra ta' President ta' Malta, ħatra ta' Kummissarju tal-Pulizija, ħatra tal-Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà u kif ukoll ħatra tal-Kap Kmandant tal-Armata.

Skont il-konvenuti tali materja tispetta lill-Gvern bl-esklużjoni ta' kull awtorità oħra u huwa inawdit illi wara li persuna tinħatar f'kariga pubblika għolja xi Qorti jew awtorità oħra tagħmel eżerċizzju biex tiddetermina jekk il-persuna maħtura kinitx l-aħjar kandidat għal dik il-kariga. Dan ukoll, skont il-konvenuti, peress illi ħatra ta' persuna f'tali kariga fil-fatt tikkostitwixxi att ta' awtorità tal-

[4] A fol. 92 sa 94 tal-proċess.

Istat li fil-każ tal-Armata huwa proprju rappreżentat mill-President tar-Repubblika bħala l-Kap tal-Istat.

Huwa fil-fatt għalhekk, isostnu l-konvenuti, li l-ilmenti dwar dawn il-ħatriet skont l-Artikolu 160 tal-Att dwar il-Forzi Armati (Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta) iridu jsiru lill-Kap tal-Istat. Dan peress illi huwa l-Istat biss li jista' jħassar att ta' awtorità ta' din in-natura maħruġ minnu.

Skont il-konvenuti għalhekk huwa legalment insostenibbli illi xi Qorti jew awtorità oħra tissindika att tal-Istat li huwa mill-istess natura tiegħu att ta' awtorità Statali li fil-mertu tiegħu jaqa' barra l-parametri tar-reviżjoni ġudizzjarja jew reviżjoni mod ieħor taħt il-liġi.

Għalhekk il-konvenuti ssottomettew li in vista li l-mertu ta' din il-kawża jinċidi direttament fuq il-materja ta' att ta' awtorità tal-Istat huma kienu obbligati fl-interess tas-salvagwardja tal-ordni kostituzzjonali li jagħtu dina l-eċċezzjoni stante li ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja u li jeżerċitaw funzjoni Statali, f'dan il-każ partikolari fil-Forzi Armati, hija funzjoni eżerċitata mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra, inkluż l-għarbiel tal-Qrati.

Skont il-konvenuti l-Qrati għandhom l-obbligu li jisimgħu l-kawżi li jinġiebu quddiemhom iżda tali obbligu jieqaf jekk il-Qrati ma jkollhomx kompetenza fil-materja li tinġieb quddiemhom.  Il-konvenuti jsostnu li l-materja li tinsab adita biha din il-Qorti hija materja li tinvolvi wħud mill-ogħla livelli tal-eżerċizzju tal-

awtorità pubblika fil-qasam tad-difiża nazzjonali, u li din hija b'mod ċar il-funzjoni esklussiva tal-Gvern.

A skans ta' ekwivoċi u ta' miżinterpretazzjoni l-konvenuti għamluha ċara li meta qegħdin isostnu illi l-att tal-ħatra mhuwiex sindakabbli, huma qegħdin jirreferu għall-mertu ta' dik il-ħatra. Dan fih innifsu ma jeskludix li jista' jkun hemm sindakar dwar jekk, per eżempju, persuna kelliex ir-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi sabiex tiġi appuntata f'ċertu kariga (pereżempju fil-każ ta' ħatra ta' Maġistrat jekk persuna kelliex il-warrant ta' avukat u eżerċitatx il-professjoni għal seba' snin). Però, skont il-konvenuti, ma jista' jsir l-ebda sindakar dwar min kien jew seta' kien l-aħjar kandidat fost dawk eleġibbli għall-istess kariga.

Il-konvenuti jsostnu wkoll li mit-tip ta' dokumenti li l-Ombudsman talab lis-Sur Kevin Mahoney, liema talba eventwalment wasslet għal din il-kawża (pereżempju "personal files of all the candidates, the selection processes and any other documentation" – ittra tal-Ombudsman tas-16 ta' Mejju 2014 esebita bħala "Dok. 0"), jirriżulta b'mod ċar illi dak li jrid jagħmel l-Ombudsman huwa eżerċizzju ta' sindikar tal-mertu tal-proċess tal-ħatra. Skont il-konvenuti dan l-eżerċizzju jmur oltre l-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u anke jmur oltre l-ġurisdizzjoni tal-Qorti.

Għalhekk, jgħidu l-konvenuti, il-Qorti m'għandha ebda ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' kawża fejn it-talba hija biex l-Ombudsman jiġi dikjarat li għandu

ġurisdizzjoni biex jagħmel att li ma jaqgħux fil-ġurisdizzjoni tiegħu u lanqas ma jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti.

Skont il-konvenuti l-fatt illi l-Ombudsman permezz tal-Att dwar l-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni jieħu konjizzjoni ta' ilmenti dwar promozzjonijiet fl-Armata (u dan del resto biss wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji kollha pprovduti fl-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta – li f'dan il-każ ma ġewx) m'għandu x'jaqsam xejn mal-fatt illi l-mertu ta' ħatriet għoljin fl-Armata jinvolvi att ta' awtorità tal-Istat li mhuwiex sindakabbli.

Il-konvenuti jirritjenu li l-ilmenti li jista' talvolta jieħu konjizzjoni tagħhom l-Ombudsman jistgħu biss jirrigwardjaw rekwiżiti legali essenzjali u affarijiet ta' dik ix-xorta iżda qatt il-mertu tal-ħatra u ċjoè min kien jew seta' kien l-aħjar kandidat. Dan ukoll peress li dan il-ġudizzju huwa essenzjalment soġġettiv u l-ġudizzju (ċjoè l-opinjoni) tal-Ombudsman jew tal-Qorti dwar tali materja tkun ukoll soġġettiva u għalhekk ma hemm ebda skop biex fuq ġudizzju insitament soġġettiv jingħata ġudizzju soġġettiv ieħor.

Rat ir-Risposta ta' Dr. Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari ippreżentata fit-13 ta' April, 2015 għan-Nota tal-konvenuti Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u s-Sur Kevin Mahoney Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru, fejn iddikjara in linea preliminari li jinsab sorpriż ferm bl-għoti ta' din l-eċċezzjoni li għandha implikazzjonijiet gravi għaliex tfisser, jekk tintlaqa', li l-Eżekuttiv li qiegħed hemm biex iservi r-rieda

tal-Parlament, qiegħed jippretendi li hu 'l fuq mil-liġi u li jista' impunement jinjora l-volontà espressa tiegħu f'Att leġiżlattiv billi unilateralment jiddikjara li jikkunsidra azzjoni li hu stess jagħmel bħala Att tal-Istat.

L-Ombudsman Parlamentari jsostni li l-Eżekuttiv għandu jaċċetta li qed ngħixu f'soċjetà demokratika li fiha tirrenja s-Saltna tad-Dritt kif espressa fil-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż. Liġijiet li qegħdin fortunatament jesiġu ferm aktar trasparenza, kontabilità u korrettezza fl-amministrazzjoni pubblika. Kien proprju għalhekk li twaqqaf l-Uffiċċju tal-Ombudsman biex, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, jiġi assigurat li ma jkunx hemm abbuż ta' poter, inġustizzji u diskriminazzjoni improprja mill-amministrazzjoni pubblika anke fir-rigward ta' ingaġġ, promozzjoni, kundizzjonijiet ta' xogħol u jeddijiet oħra ta' persuni fis-settur pubbliku.

L-Ombudsman irrileva wkoll illi din l-eċċezzjoni qatt ma tqajmet tul is-snin kollha li kienu qegħdin isiru diskussjonijiet mal-Gvern dwar kif jiġu ttrattati ilmenti ta' din ix-xorta taħt eżami. Diskussjonijiet li wasslu għal General Order li qiegħda tirregola l-metodu ta' kif għandhom jiġu ttrattati ilmenti mill-uffiċjali u li ġiet implimentata kemm mill-amministrazzjoni preċedenti kif ukoll minn din l-amministrazzjoni. Diskussjonijiet li fihom kienu involuti l-partijiet kollha inkluż il-President, il-Prim Ministru li taħt l-uffiċċju tiegħu kienet allura taqa' l-Armata, l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, l-ogħla dikasteri tal-Armata, li lkoll kellhom interess u d-dritt u d-dmir li jqajmu tali oġġezzjoni għall-insistenza tal-Ombudsman li jkompli jinvestiga dawn l-ilmenti skont il-liġi.

L-Ombudsman qal ukoll li fil-verità oġġezzjoni simili lanqas tqanqlet fil-kors tad-diskussjonijiet mal-amministrazzjoni preżenti li wasslu għall-preżenti istanza.

L-Ombudsman Parlamentari jsostni li fil-każ tal-Armata, l-leġiżlatur espliċitament ipprovda lill-uffiċjali r-rimedju tar-rikors lill-Ombudsman meta l-ilmenti jkunu jirrigwardjaw materji espressament indikati fl-Att XXI tal-1995. Dan anki meta skont il-konvenuti, dawn kienu materji riservati lilhom għax skont il-parir tal-Avukat Ġenerali, kellhom iqisuhom li kienu Atti tal-Istat, u bħala tali mhux sindakabbli minn ebda awtorità.

L-Ombudsman isostni li l-mod kif l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qed jestendi l-interpretazzjoni tat-teorija ta' Att tal-Istat hu anakronistiku u jeħodna lura għal żminijiet meta gvernijiet, kolonjali u mhumiex, kienu jiġġustifikaw aġir amministrattiv u arbitrarju billi jsostnu li kienu qed jaġixxu *jure imperii*. Żminijiet dawn, li wieħed jittama, huma llum feliċement sorpassati.

Skont l-Ombudsman Parlamentari l-eċċezzjoni tintroduċi b'mod vag, l-element ta' fiduċja soġġettiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Eżekuttiv. Dan jista' jwassal biex mhux biss l-Ombudsman u istituzzjonijiet bħalu, imma wkoll l-istess Qrati jiġu eżawtorati milli jissindikaw firxa kbira mill-azzjonijiet tal-Gvern. Dan ikun ta' detriment kbir għaċ-ċittadin u wkoll pass retrogradu u perikoluż li jista' jwassal għal sitwazzjonijiet ferm aktar koroh, issottometta l-Ombudsman.

L-attur ikompli jgħid li l-konvenuti qed jiġġustifikaw l-eċċezzjoni tagħhom li la l-Ombudsman Parlamentari u issa lanqas il-Qorti, m'għandhom il-ġurisdizzjoni li jissindikaw il-ħatriet u l-promozzjonijiet tal-Uffiċjali tal-Armata għax iqisu li dawn il-karigi bilfors irid ikollhom element ta' fiduċja. L-Ombudsman jgħid li huwa verament preokkupanti li l-konvenuti jintroduċu dan l-element ta' "fiduċja soġġettiva" fil-proċess ta' għażla ta' persuni biex jokkukpaw il-karigi mhux biss ta' uffiċjali tal-Armata, imma wkoll ta' Imħallfin, il-President ta' Malta, il-Kap tal-Armata, il-Kummissarju tal-Pulizija u oħrajn. Skont l-attur, il-konvenuti donnhom qegħdin jikkomparaw dawn il-karigi vitali għall-Amministrazzjoni fil-pajjiż ma' ħatriet oħrajn temporanji mas-servizz pubbliku hekk imsejħa *positions of trust* li fihom infushom jimplikaw elementi ta' lealtà politika partiġġjana.

L-Ombudsman Parlamentari staqsa: fiduċja soġġettiva ta' min, tal-Gvern,? Tal-Eżekuttiv? U jekk dan hu hekk, x'jiġri, tkun xi tkun ir-raġuni, jekk tintilef dik il-fiduċja? U x'jiġri meta jinbidel il-Gvern u dan ikun jixtieq jagħmel persuni tal-fiduċja tiegħu? Għandhom jitneħħew mill-kariga jew jiġu mġiegħla jirriżenjaw?

Hi l-fehma tal-Ombudsman li hu skorrett li jingħad li l-element determinanti ta' ħatriet bħal dawn għandha tkun il-fiduċja soġġettiva ta' min jagħmel il-ħatra fil-persuni magħżula. Il-fiduċja li jeħtieġ ikun hemm hi għal kuntrarju fiduċja fil-kapaċità, fil-kompetenza, fl-integrità, fl-onestà u fl-indipendenza tal-persuni. Dawn valuri li huma taħt ċertu aspett apprezzabbli ukoll oġġettivament anke jekk finalment min għandu s-setgħa li jagħżel, irid

neċessarjament jagħmel l-apprezzament tiegħu u jiddeċiedi fid-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi. Diskrezzjoni li wieħed jifhem illi aktar ma tkun għolja l-kariga, aktar tkun wiegħsa. L-Ombudsman, u wkoll il-Qrati, huma fid-dover illi jirrispettaw l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni magħmula fil-limiti tal-poteri konferiti mil-liġi.

L-attur fir-Risposta tiegħu jsostni wkoll li l-konvenuti huma manifestament żbaljati meta jiġbru flimkien il-ħatriet u l-promozzjonijiet tal-karigi kollha msemmija u jeskluduhom f'salt minn kull forma ta' eżami ta' verifika minn xi awtorità oħra. Hu ċar li l-karigi msemmija huma regolati bi proċeduri differenti li għandhom jiġu segwiti. Il-Parlament, il-Qrati u kif ukoll l-Ombudsman, skont il-kompetenzi tagħhom, ikollhom l-opportunità li jivverifikaw jekk il-proċeduri applikabbli għal kull każ ikunux ġew validament segwiti.

Skont l-attur il-konvenuti donnhom qegħdin jinjoraw il-fatt li l-karigi kollha li huma issa jikkwalifikaw bħala ta' fiduċja soġġettiva, huma regolati mill-Kostituzzjoni jew minn liġijiet oħrajn, kemm fir-rigward tal-ħatra, ta' kif issir dik il-ħatra kif ukoll tal-funzjonijiet inerenti fihom. L-Eżekuttiv, bħall-Ombudsman, hu marbut li josserva skrupolosament id-dettami kollha ta' dawn il-liġijiet li jirregolaw il-ħatriet. M'għandu l-ebda dritt li arbitrarjament jagħżel li ma josservax dispożizzjoni espressa tal-liġi għax iħossha skomda jew għax iqis li għandu xi jedd divin li jikkwalifika atti tiegħu bħala Atti tal-Istat u allura eżenti minn kull sindikar ta' ebda awtorità, inkluż l-għarbiel tal-Qrati.

L-attur fir-Risposta tiegħu jsostni li fil-każ ta' ħatriet ta' uffiċjali tal-Armata dawn huma regolati mill-Att dwar l-Armata, mill-*General Orders* u regolamenti proċedurali applikabbli għalihom u mill-Att dwar l-Ombudsman li jinvesti lill-attur bil-ġurisdizzjoni li jinvestiga ilmenti tal-uffiċjali f'ċerti ċirkostanzi.

L-attur jissottometti li mhux biss hu għandu d-dritt u d-dmir li jinvestiga ilmenti li jistgħu jkunu fit-termini tal-Att, iżda aktar u aktar, għandha din il-Qorti l-obbligu li fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet proprji tagħha li tassigura li l-liġijiet kollha tal-pajjiż jiġu osservati. Din hi proprju t-talba li qed javvanza l-attur f'din l-istanza, talba li ċertament taqa' pjenament fit-termini tal-ġurisdizzjoni tagħha.

L-Ombudsman jgħid li ma jaqbilx mat-teżi tal-konvenuti li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni. Tant hu hekk li l-Att dwar l-Ombudsman jagħmilha ċara li l-Qrati għandhom kompetenza biss fuq il-materja ta' ġurisdizzjoni. L-Artikolu 24 tal-Att dwar l-Ombudsman fil-fatt jgħid li:

> *"Ħlief għar-raġunijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ebda proċediment jew deċiżjoni tal-Ombudsman ma jistgħu jiġu kkontestati f'xi Qorti".*

L-Ombudsman isostni li għalhekk huwa jista' jistitwixxi proċeduri fil-Qorti fejn għalkemm huwa konvint li għandu ġurisdizzjoni jittratta kwistjonijiet imressqa quddiemu, jiġi rinfaċċjat, kif fil-fatt sar f'dan il-każ, b'sitwazzjoni fejn l-Awtorità Pubblika qiegħda ssostni n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiegħu.

Illi huwa proprju għaliex il-każ odjern għandu elementi importanti tad-dritt pubbliku u ta' ordni pubblika, isostni l-attur, li huwa indispensabbli li din il-Qorti tiddeċiedi dan il-każ. Id-dritt pubbliku ma jikkonċernax biss id-drittijiet fattwali jew immaġinarji, tal-Awtorità Pubblika, imma jinkludi d-drittijiet taċ-ċittadin.

L-attur irrileva wkoll li l-konvenuti kontinwament isemmu "ħatriet" mingħajr ma jiddistingwu bejn "promozzjonijiet" u "ħatriet" mingħajr ma jiddistingwu bejn "promozzjonijiet" u "ħatriet". A skans ta' kull ekwivoku, l-Ombudsman qal li huwa mhux qiegħed jinvestiga ilmenti dwar "ħatriet" imma dwar "promozzjonijiet".

Fin-Nota tiegħu l-Ombudsman jikkonċedi li l-ħatra ta' Kap Kmandant, bħal pereżempju dik ta' Kummissarju tal-Pulizija, hija att diskrezzjonali tal-Eżekuttiv, u huwa mhuwiex u qatt ma kellu l-ħsieb li jivestiga tali ħatriet.

Min-naħa l-oħra, l-Ombudsman seta', u jsostni li għandu dritt, li jindaga dwar il-promozzjonijiet li ħarġu fl-2013 u jiġifieri r-riżultat tal-proċess li nbeda b'Ċirkulari bir-referenza AFM/5752/000/C/09 Vol I datata l-20 ta' Mejju, 2013
Tant dan il-proċess kien jirreferi għall-promozzjonijiet u mhux ħatriet (appointments) li t-titolu taċ-ċirkolari kien proprju – *"The Promotion Process from Major to Lieutenant Colonel".*

Fl-imsemmija Risposta l-Ombudsman jgħid ukoll li fit-tieni proċess ta'

promozzjonijiet, jiġifieri l-promozzjonijiet minn Lieutenant Colonel għal Colonel, l-uffiċjali li effettivament saru Kurunelli kienu ġew "promoted to the rank of Colonel" u mkien ma hemm li dawn ġew "appointed".

L-attur irrileva wkoll li biex Uffiċjal tal-Forzi Armati ta' Malta jiġi promoss irid jgħaddi mill-proċess stipulat fl-Avviż Legali 91 tal-1970 kif sussegwentement emendat. Skont ir-Regolament 6(1) tal-Avviż Legali, biex ikun hemm promozzjoni jrid ikun hemm, fost l-oħrajn, "għażla biex timtela vakanza" ħlief għall-każ speċifiku ta' promozzjoni aċċelerata.

L-attur ikkjarifika li l-ilmenti ta' diversi uffiċjali ma kienx fil-fatt dwar il-ħatra ta' dak u l-ieħor għall-pożizzjoni ta' Kap Kmandant u Deputat Kmandant, imma dwar il-proċess kollu ta' promozzjoni għaliex ħassewhom aggravati bil-mod kif saru l-affarijiet. L-Ombudsman jgħid li l-ħatra ta' Kmandant u ta' Deputat Kmandant hija mogħtija mill-President ta' Malta bħala l-persuna li teżerċita l-awtorità eżekuttiva ta' Malta skont l-Artikolu 78 tal-Kostituzzjoni, awtorità li ma tistax tiġi użata jekk mhux "skont il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru" (Ara l-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni).

L-Ombudsman itenni li mhuwiex qiegħed jipprova jissindika din il-ħatra. Madankollu l-konvenuti ma jistgħux iħawwdu l-aspett ta' ħatra ma' dik ta' promozzjoni u jgħidu li dawn il-promozzjonijiet mhumiex sindakabbli.

L-Ombudsman isostni li t-teżi tal-konvenuti li l-promozzjonijiet mhumiex

sindakabbli tmur kontra l-Att dwar l-Ombudsman stess u kontra r-rieda tal-leġiżlatur meta dan l-Att għadda mill-Parlament fil-21 ta' Lulju, 1995. Fil-Kamra tad-Deputati[5], meta appuntu kienet qiegħda tiġi diskussa l-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman fuq l-Armata u ċjoè li hu seta' jinvestiga ilmenti dwar l-Armata "għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjonijiet", l-Onorevoli Prim Ministru qal hekk –

> *"Il-ħatriet, il-promozzjonijiet, is-salarji u d-drittijiet ta' pensjoni qed indaħħluhom għax hawnhekk huwa fejn l-Amministrazzjoni – fil-kors normali – tista' tiżbalja ... qed ngħidu li f'dawn il-każijiet għandu jkun hemm l-iskrutinju tal-Ombudsman ...".*

L-attur isostni li huwa fatt li dan il-provvediment daħal, għadu parti mill-Att dwar l-Ombudsman u ma tneħħix mil-leġiżlatur. L-intenzjoni tal-Parlament hija ċara u manifesta u l-konvenuti ma jistgħux isostnu li l-Ombudsman m'għandux ġurisdizzjoni li jinvestiga dawn l-ilmenti, daqskemm m'għandhomx raġun meta jsostnu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq it-talba tal-Ombudsman.

L-Ombudsman jgħid ukoll li huwa preokkupanti għalih li l-konvenuti qegħdin isostnu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni għaliex si tratta ta' materja "li tinvolvi wħud mill-ogħla livelli ta' eżerċizzju tal-awtorità pubblika fil-qasam tad-difiża nazzjonali". L-Ombudsman jgħid li b'kull rispett il-materja m'għandhiex x'taqsam mad-difiża nazzjonali u wieħed ma jistax jargumenta li

---

[5] Seduta Numru 439 tas-Seba' Leġislatura, 10 ta' Lulju, 1995.

minħabba li l-kwistjoni tikkonċerna uffiċjali tal-Armata, il-Qorti jew l-Ombudsman jew istituzzjonijiet oħra ċivili m'għandhom l-ebda dritt jissindikaw l-operat tal-Armata jew ta' dawk li huma responsabbli għaliha. Ma jistax jiġi aċċettat li l-Armata tikkostitwixxi "a state within a state" għaliex dan ikun ifisser li l-Armata u min huwa responsabbli għaliha huma 'l fuq mill-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-pajjiż.

L-attur jgħid li huwa sorpriż kif il-konvenuti qegħdin iqajmu n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, meta hija appuntu din il-Qorti li tista' tiddeċiedi jekk l-Ombudsman għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga l-ilmenti tal-Uffiċjali tal-Armata. Huwa tassew ironiku li l-konvenuti jkomplu jostakolaw tali investigazzjoni u jibqgħu jinsistu li l-Uffiċjali jirrikorru għand il-President ta' Malta meta jafu ben tajjeb li l-President ta' Malta, għaliex hekk trid il-Kostituzzjoni, ma tistax tkun ir-rimedju oġġettiv u indipendenti li hija proprju l-funzjoni kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Ombudsman. Dan għaliex il-President m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tiddeċiedi waħedha b'mod indipendenti u 'il fuq minn kull interess tal-Eżekuttiv. L-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220) jgħid li fejn ikun meħtieġ li l-ilment imur għand il-President, huwa l-Kap Kmandant tal-Armata li jibgħat dan l-ilment b'rapport tiegħu lill-President li, però jrid jgħaddi tramite l-Ministru. Huwa veru li l-Artikolu 160(2) tal-Kap. 220 jgħid li l-Kap Kmandant għandu jistenna "id-direttivi tal-President ta' Malta", imma tali direttivi ma jistgħux ikunu xejn ħlief il-parir li jgħaddilha l-Kabinett jew il-Ministru kkonċernat kif appuntu tipprovdi l-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 85(1), u tali direttivi ma

jinkwadrawx f'dak li l-President għandha l-awtorità li tiddeċiedi waħedha jew, fi kliem l-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni, "skont il-ġudizzju deliberat tagħha stess".

L-attur jirrileva wkoll li att tal-awtorità tal-Istat li l-konvenuti qegħdin jgħidu li huwa insindakabbli huwa kunċett li ma jistax jinkwadra ruħu sew ma' dak li jissejjaħ "Executive Prerogative" jew "The Royal Prerogative". L-Ombudsman jissottometti li anke fir-Renju Unit huwa ċar li l-Qrati huma "the final arbiter of whether or not a particular type of prerogative power exists"[6]. Kif jispjega l-abbli awtur tad-Dritt Kostituzzjonali Ingliż, O. Hood Phillips, -

> *"one certain principle was that the prerogative was limited by law: 'the King hath no prerogative but that which the law of the land allows him'"*[7].

**Ikkunisdrat:**

Dak li għandha quddiemha din il-Qorti f'din il-kawża hija sitwazzjoni pjuttost delikata ta' nuqqas ta' qbil serju bejn rappreżentanti ta' żewġ organi differenti tal-Istat, fuq naħa l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u minn naħa l-oħra l-Uffiċjal tal-Parlament Kummissarju għal Investigazzjonijiet Amministrattivi li jissejjaħ Ombudsman, proprju dwar jekk l-Ombudsman

[6] Review of the Executive Royal Prerogative Powers: Final Report; UK Ministry or Justice, p. 7.
[7] Constitutiona & Administrative Law; O Hood Phillips and Paul Jackson; 8th Edition, Sweet & Maxwell, p. 305.

għandux ġurisdizzjoni jinvestiga ilmenti ta' Uffiċjali tal-Armata għar-rigward ta' żewġ eżerċizzji ta' promozzjonijiet fl-Armata, fejn f'wieħed minnhom diversi Maġġuri ġew promossi għal Logotenenti Kurunelli, waqt li fl-ieħor diversi Logotenenti Kurunelli ġew promossi għal Kurunelli.

Filwaqt li qabel ġiet istitwita din il-kawża, it-teżi tal-konvenuti kienet li l-Ombudsman f'dan l-istadju[8] ma għandux ġurisdizzjoni jisma' l-ilmenti tal-Uffiċjali tal-Armata kkonċernati għax qabel ma jirrikorru għand l-Ombudsman iridu l-ewwel jagħmlu użu mir-rimedju mogħti lilhom taħt l-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220), f'din il-kawża il-konvenuti qegħdin jikkontendu li fi kwalunkwe każ l-Ombudsman m'għandux ġurisdizzjoni jisma' u jinvestiga l-imsemmija ilmenti 'il għaliex l-materja mertu tal-azzjoni odjerna tinvolvi ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja tal-Forzi Armati, liema materja hija parti mill-funzjonijiet eżerċitati mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra, inkwantu dawn il-funzjonijiet huma att tal-Istat.

Il-konvenuti jikkontendu li huwa legalment insostenibbli illi xi Qorti jew awtorità oħra tissindika att tal-Istat li huwa mill-istess natura tiegħu att ta' awtorità Statali li fil-mertu tiegħu jaqa' barra l-parametri tar-reviżjoni ġudizzjarja jew reviżjoni mod ieħor taħt xi liġi, u li in vista li l-mertu ta' din il-kawża jinċidi direttament fuq il-materja ta' att ta' awtorità tal-Istat, huma kienu obbligati fl-interess tas-salvagwardja tal-ordni kostituzzjonali, li jagħtu din l-eċċezzjoni stante li l-ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja u li jeżerċitaw

[8] Sottolinear ta' din il-Qorti.

funzjoni Statali, f'dan il-każ partikolari fil-Forzi Armati, hija funzjoni eżerċitata mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra, inkluż l-għarbiel tal-Qorti.[9]

Din il-Qorti tixtieq tippreċiża li kuntrarjament għal dak li setgħu taw x'jifhmu l-konvenuti fis-sottomissjonijiet tagħhom f'din il-kawża, bil-proċeduri odjerni din il-Qorti mhijiex qiegħda tintalab tissindika, tistħarreġ jew li tgħaddi mill-għarbiel tagħha l-ilmenti inkwistjoni, imma qiegħda fil-fatt tiġi mitluba tippronunzja ruħha dwar jekk fl-isfond tal-qafas legali li jopera fih l-Ombudsman, dan għandux jew le ġurisdizzjoni li jinvestiga l-ilmenti li waslulu dwar iż-żewġ eżerċizzji ta' promozzjonijiet fl-Armata msemmija aktar qabel.

F'sitwazzjoni ta' konflittwalità serja bejn rappreżentanti ta' żewġ organi differenti tal-Istat, bejn dak parlamentari (l-Ombudsman huwa uffiċjal tal-Parlament maħtur mill-Kamra tad-Deputati[10]) u l-fergħa eżekuttiva tal-Istat, li qegħdin jinvokaw dispożizzjonijiet legali differenti u b'interpretazzjonijiet konfliġġenti, din il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja u ġenerali qiegħda tiġi mitluba tiddikjara u tistabbilixxi l-pożizzjoni legali applikabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi, b'mod partikolari tiddikjara għar-rigward ta' jekk l-Ombudsman Parlamentari għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga ilmenti għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' uffiċjali u suldati fl-Armata u li hu l-Ombudsman li jiddeċiedi jekk għandu jew m'għandux jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu f'każijiet fejn hemm mezzi alternattivi u adegwati għal rimedju.

[9] Ara s-sitt u s-sebgħa paragrafu fin-Nota tal-konvenuti a fol. 93 tal-proċess.
[10] Ara l-Artikolu 3 tal-Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 64A tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Is-sisien ta' kull pajjiż demokratiku hija s-Saltna tad-Dritt fejn il-liġi għandha tkun rispettata minn kulħadd, sakemm ma tiġix ikkontestata quddiem il-qrati jew mibdula mil-leġiżlatur. F'soċjetà demokratika fejn is-saltna tad-dritt hi suprema, l-ebda ċittadin, u wisq anqas l-Amministrazzjoni tal-pajjiż, m'għandhom dritt jaġixxu daqslikieku liġi tal-pajjiż ma teżistix.

Fi kliem l-eks-Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Maqgħuda Kofi Annan[11], is-Saltna tad-Dritt hija:

> *"a principle of governance in which all persons, institutions and entities, public and private, including the State itself, are accountable to laws that are publicly promulgated, equally enforced and independently adjudicated, and which are consistent with international human rights norms and standards. It requires, as well, measures to ensure adherence to the principles of supremacy of law, equality before the law, accountability to the law, fairness in the application of the law, separation of powers, participation in decision-making, legal certainty, avoidance of arbitrariness and procedural and legal transparency."*

Is-Saltna tad-Dritt hija wkoll wieħed mill-valuri ċentrali bażiċi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

[11] Report of the Secretary-General: The rule of law and transitional justice in conflict and post-conflict societies (2004).

A tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta l-Artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-KEPDB), huma eżegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeskriviet is-Saltna tad-Dritt bħala kunċett li minnu l-KEPDB kollha kemm hi tislet l-ispirazzjoni tagħha. [12]Il-kunċett tas-saltna tad-dritt ġie mfisser b'dan il-mod fid-duttrina legali Ewropea:

> *"The rule of law is often translated as préeminence du droit, or principe de légalité, but has more recently been translated in literature as État de droit. Under the influence of EU law and the case law of the EctHR, a consensus has emerged that the rule of law, Rechtstatt and État de droit are equivalent concepts. All three are directed at subjecting the relations between individuals and governmental authorities to the law; limiting arbitrary governmental actions; and preserving the autonomy of the individual".*[13]

L-Ombudsman Parlamentari beda jinvestiga l-ilmenti tal-Uffiċjali tal-Armata kkonċernati skont kif ipprovdut fl-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'mod partikolari ai termini tat-Taqsima B tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Ombudsman, fejn jingħata espressament lill-Ombudsman il-jedd li jinvestiga ilmenti dwar il-Forzi Armati ta' Malta "għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni tal-uffiċjali u suldati...".

[12] **Engel and ors vs. Netherlands**, Application no 5100/71, Series A no 22, 8 ta' Ġunju, 1976.
[13] "The Concept of the Rule of Law and the European Court of Human Rights" – Geranne Lautenbach (Oxford University Press, 2013), p. 15.

Rinfaċċjati b'dawn l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman, il-konvenuti ma kkollaborawx u ma pprovdewx lill-Ombudsman id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni meħtieġa għall-imsemmija investigazzjonijiet, billi sostnew li l-Ombudsman f'dan l-istadju ma kellux ġurisdizzjoni biex jinvestiga l-ilmenti peress li l-Uffiċjali li ħassewhom aggravati kellhom l-ewwel jeżawrixxu r-rimedju pprovdut lilhom taħt l-Artikolu 160(2) tal-Kap. 202 qabel ma jirrikorru għand l-Ombudsman.

Għal dan l-Ombudsman wieġeb illi huwa kien iddeċieda li jmexxi xorta waħda bl-investigazzjonijiet ai termini tal-proviso għall-Artikolu 13(3) tal-Kap. 385, liema proviso jgħid li l-Ombudsman jista' jiddeċiedi li jmexxi bl-investigazzjoni jekk ikun sodisfatt li fiċ-ċirkostanzi partikolari ma jkunx raġonevoli li jippretendi lil min jagħmel l-ilment li jipproċedi jew li jkun ipproċeda b'dawk il-mezzi ta' rimedju taħt xi liġi oħra.

Rinfaċċjati b'din id-deċiżjoni tal-Ombudsman meħuda ai termini ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi, fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuti ma kellhomx id-dritt jinjoraw din id-deċiżjoni tal-Ombudsman, imma se mai kellhom il-fakoltà li jikkontestaw din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti.

Fi Stat ta' Dritt fejn żewġ organi istituzzjonali differenti jkunu qegħdin jinterpretaw b'mod konfliġġenti dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi, huma l-Qrati li finalment għandhom jiddeterminaw il-pożizzjoni legali biex jiġi żgurat li l-

kontendenti jkunu qegħdin jaġixxu u jibqgħu jaġixxu fit-termini ta' dak li trid il-liġi.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenuti meta ġew rinfaċċjati bil-kawża odjerna, mhux biss sostnew li l-Ombudsman Parlamentari m'għandux ġurisdizzjoni jinvestiga l-ilmenti f'dan l-istadju, imma qegħdin isostnu wkoll li la l-Ombudsman u lanqas il-Qorti m'għandhom ġurisdizzjoni li jissindikaw l-ilmenti 'il għaliex il-promozzjonijiet inkwistjoni huma att tal-Istat li huwa mill-istess natura tiegħu att ta' awtorità statali li fil-mertu tiegħu jaqa' barra l-parametri tar-reviżjoni ġudizzjarja jew reviżjoni mod ieħor taħt xi liġi.

Il-Qorti tagħmel aċċenn għas-sentenza fl-ismijiet **Grazio Pace vs Vivian De Gray noe[14]:**

> *"Meta l-liġi stess tiddixxiplina dettaljatament materja ta' din ix-xorta, hi l-liġi stess li determina l-limiti tal-poter tal-awtorità eżekuttiva. In vista tal-kriterji tar-'rule of law' u tal-ħtieġa tal-istabbiltà u serjetà fir-relazzjonijiet ġiuridici bejn iċ-ċittadini u l-eżekuttiv, kif ukoll tal-istess kliem ċari tal-liġi, lanqas ma hu l-każ ta' xi 'implied powers' għax ma hemm xejn fil-liġi li jista' jagħti lok għall-inferenza simili."*

F'soċjetà demokratika li tħaddan is-Saltna tad-Dritt li hija msejsa fuq il-prinċipji tas-supremazija tal-liġi, tal-ugwaljanza quddiem il-liġi, tal-kontabbilità skont il-liġi, tal-applikazzjoni ġusta tal-liġi u tas-separazzjoni tal-poteri tal-Istat, ħadd m'għandu dritt, lanqas l-Eżekuttiv, li f'sitwazzjoni bħal dik tal-lum fejn għandek

[14] Deċiża fil-25 ta' April, 1969, QA (mhux ippubblikata).

dispożizzjonijiet legali taħt żewġ liġijiet differenti, li saru fi żminijiet differenti u li jistgħu jidhru li huma inkonsistenti u konfliġġenti ma' xulxin, jieħu l-liġi b'idejh u jinsisti fuq l-interpretazzjoni tiegħu ta' dawk il-liġijiet u b'hekk jxejjen u jġib fix-xejn l-applikazzjoni ta' dik il-liġi li ma jħossux komdu biha. Semmai huwa għandu jfittex li jikseb konferma mill-qrati tal-pajjiż ta' dik l-interpretazzjoni legali tiegħu jew inkella permezz tal-Parlament ifittex li jemenda dik il-liġi.

Kif irritjeniet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Onor Imħallef Maurice Caruana Curran fil-kawża **John Lowell et vs Onor. Dr Carmelo Caruana noe et**[15]:

> *"il-poteri tal-eżekuttiv għandhom jiġu eżerċitati legalment, u kull poter li joħroġ minn statut għandu jiġi eżerċitat mill-awtorità preskritta fl-istatut skont il-kliem u l-intenzjoni tal-leġislatur."*

Il-materja inkwistjoni fil-kawża odjerna hija ddixxiplinata b'mod dettaljat mil-liġi nnifisha (Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-kliem tal-liġi jitkellem ċar u fejn assolutament m'hemm l-ebda inferenza fl-istess liġi għal xi poteri jew atti tal-Istat li huma 'il fuq mill-istess liġi u finalment hija l-liġi stess li tiddetermina l-limiti tal-poter tal-awtorità eżekuttiva.

*Ubi lex voluit dixit.* Imkien fid-dibattiti parlamentari li ppreċedew il-promulgazzjoni tal-Att XXI tal-1995 (illum il-Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta) u

[15] Deċiża fl-14 ta' Awwissu, 1972.

lanqas fl-Att innifsu kif sussegwentement ġie emendat, ma hemm xi riferiment għal tali atti tal-Istat, kif invokat mill-konvenuti, li jeskludu l-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman biex jinvestiga tali materja. Għal kuntrarju mhux biss il-kliem tal-liġi huwa ċar, imma anki mill-istess dibattiti parlamentari li ppreċedew il-promulgazzjoni tal-Att XXI tal-1995 jirriżulta b'mod ċar li l-Ombudsman Parlamentari għandu ġurisdizzjoni li jinvestiga l-ilmenti inkwistjoni wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji kollha taħt liġijiet oħrajn. Fi kliem il-Prim Ministru ta' dakinhar:

> *"ONOR. EDDIE FENECH ADAMI: L-interpretazzjoni t-tajba hija l-unika waħda li ssegwi mill-kliem użat. L-Ewwel Skeda, Taqsima A teskludi l-possibilità tal-iskrutinju tal-Ombudsman. Mela kieku m'hemmx ir-riżerva li hemm b'riferenza għat-Taqsima B tal-Ewwel Skeda, allura l-Forzi Armati ma jaqgħux taħt l-Ombudsman, però mill-esperjenza dehrilna li għar-rigward ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni tal-uffiċjali u suldati, għandna nżommu d-dritt tal-iskrutinju, u dan tgħallimnih mill-esperjenza tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji. Numru mhux żgħir ta' każijiet li kellha tittratta l-Kummissjoni kienu dwar promozzjonijiet passati, jiġifieri qabel saret il-liġi kurrenti, jiġifieri anke mill-1988 'l hawn. Kien hemm każijiet fejn il-Kummissjoni rrakkomandat illi d-deċiżjoni li ttieħdet minn min hu responsabbli għall-ħatriet kienet żbaljata. F'dan ir-rigward il-Forzi Armati ma jaqgħux taħt il-PSC u naħseb li l-istragrande maġġoranza tal-każijiet fejn kien hemm rakkomandazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni ġew milqugħa. Kien hemm xi każijiet fejn teknikament ma setgħetx tiġi milqugħa r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kummissjoni. Issa hawn l-istess, qegħdin ngħidu li abbażi ta' din l-esperjenza jidhrilna li jekk ikunu eżawriti l-proċeduri kontemplati fil-liġijiet - f'dan il-każ speċifiku tal-Forzi Armati*

*prinċipalment hija l-Malta Armed Forces Act li l-proċedura ta' min iħossu aggravat li ma ħax promotion hi li jmur quddiem il-Kmandant u f'xi każijiet hemm proċeduri partikolari, jekk m'iniex sejjer żball, jistgħu anke jibqgħu telgħin għand il-President - u eżawriti r-rimedji kollha, l-Ombudsman jista' jagħmel l-investigazzjoni.*

...

*Il-ħatriet, il-promozzjonijiet, is-salarji u d-drittijiet ta' pensjoni qed indaħħluhom għax hawnhekk huwa fejn l-Amministrazzjoni - fil-kors normali - tista' tiżbalja; tista' tiżbalja għax tista' tkun in male fede u tista' tiżbalja - dawn il-każijiet huma iktar komuni - b'mod li ma tagħmilx hekk għax trid. Allura qed ngħidu li f'dawn il-każijiet għandu jkun hemm l-iskrutinju tal-Ombudsman. Jien nerġa' ngħid li jekk wieħed jara l-esperjenza ta' dawn it-tmien snin li għaddew isib li kien hemm ilmenti ta' suldati - f'kull livell fl-Armata - li jgħidu li jmisshom ħadu promozzjoni li jkun ħa ħaddieħor li jkun qabiżhom. Dan il-każ jiġi investigat kif investigathom il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, iżda hawn qed inżidu li l-ewwel trid teżawrixxi dak li kollu li hemm fil-liġi dwar l-Armata.".*

Kieku l-leġiżlatur ried li l-promozzjonijiet ta' ċerti Uffiċjali għoljin tal-Armata jkunu kkunsidrati bħala Atti tal-Istat, kellu kull fakultà li dan jgħidu imma fil-fatt dan ma qalux.

Għall-kuntrarju l-kliem tal-liġi (Kap. 385) jitkellem ċar li l-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni biex jinvestiga l-ilmenti inkwistjoni wara li jkun ġie eżawrit kull mezz possibbli ta' rimedju taħt liġijiet oħrajn. Barra minn hekk, għad li l-konvenut Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali kien ta indikazzjoni lill-

attur li kien beħsiebu jipproponi emendi leġislattivi lill-Kabinett biex jiġu indirizzati dawk li fil-fehma tal-Ministru, kienu inkonsistenzi bejn l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta u l-Att dwar l-Ombudsman, dawn l-emendi leġiżlattivi baqgħu ma sarux.[16]

It-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna 'il għaliex il-mertu tal-azzjoni tinvolvi ħatriet ta' uffiċjali fi gradi għolja tal-Forzi Armati li huma parti mill-funzjonijiet eżerċitati mill-Gvern ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra, la ssib sostenn fil-kliem tal-liġi u lanqas fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.

Bit-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, il-konvenuti qegħdin jinvokaw fis-sustanza d-duttrina antika tal-*jure imperii* li kienet tgħid li l-Istat mhuwiex azzjonabbli meta jkun qiegħed jeżerċita l-awtorità sovrana tiegħu. Imma kif qal l-Imħallef Wallace Gulia fil-ktieb tiegħu *Governmental Liability in Malta*[17]*:*

> *"That the doctrine of jure imperii is no longer part of Maltese Law has been made abundantly clear in a recent judgement of the Civil Court per the Hon. Mr. Justice M. Caruana Curran in* ***Lowell vs. Caruana****, delivered on the 14th August, 1972".*

[16] Dok. S anness mar-Rikors Maħluf, a fol. 55 tal-proċess.
[17] Malta University Press, 1974 (p. 19).

Fl-imsemmija sentenza fil-kawża fl-ismijiet **John Lowell et vs Onor. Dr Carmelo Caruana noe et** jingħad li t-teorija tal-*jure imperii* hija waħda antikwata –

*"Din id-dottrina korrispondenti għad-distinzjoni klassika bejn imperium u dominium ġieli fl-imgħoddi ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna, għalkemm f'kuntesti differenti mill-każ preżenti, u kienet bażata fuq is-suppożizzjoni li l-Istat għandu żewġ personalitajiet, waħda meta jaġixxi bħala sempliċi amministratur (jure administrationis jew jure gestiones), f'liema każ kien ikkunsidrat bħala soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati u għar-responsabbiltà għad-danni (tamquam privatus egisse censetur) u l-oħra meta jaġixxi bid-dritt tas-sovranità (jure maestatis jew jure imperii), f'liema każ kien ikun ikkunsidrat eżenti;*

*Din id-dottrina, però, lanqas ma għadha ssib favur (anzi d-deklin tagħha ilu li beda mindu qaleb is-seklu) f'dawk il-pajjiżi tal-kontinent minn fejn kienet ġiet introdotta f'Malta, bħal Franza, l-Italja u l-Belġju, u fejn, għalkemm għal xi żmien ġiet segwita, tat lok għall-protesti qawwija ta' ġuristi awtorevoli bħal Fransi Duguit u l-Belġjan Wodon għax kienet qed timminaċċja li tirrendi l-Istat immuni għall-ġustizzja u għar-reklami l-iktar ekwi u fondati taċ-ċittadin danneġġat, u illum tinsab prattikament abbandunata ħlief, bħal fi Franza, għal xi każijiet ta' actes de gouvernement.*

*...*

*Jista' jingħad bħala prinċipju ġenerali li jinsab biżżejjed assodat fil-ġurisprudenza tagħna: (a) li l-Kuruna u r-rappreżentanti tagħha huma dejjem azzjonabbli in difett ta' xi leġislazzjoni speċjali li teskludi ir-rimedju taċ-ċittadin; (b) li, fl-assenza ta' tribunali speċjali bħal Conseil d'Etat ta' Franza u ta' xi pajjiżi oħra, is-sistema tagħna huwa dak Anglo-*

*Amerikan li jgħożż il-kunċett kostituzzjonali ta' Qrati ordinarji indipendenti li jassikuraw d-debita osservanza tal-liġi mhux biss mill-privati imma anki, fil-limiti tal-powers of judicial review, tal-organi tal-Istat; u (ċ) li d-dritt pubbliku amministrattiv ta' Malta huwa ormai sostanzjalment adottat mil-liġi Ingliża, ġjà inkorporata fil-ġurisprudenza u fit-tagħlim tal-avukati tagħna, u b'ebda mod abrogat jew modifikat wara l-wasla tal-Indipendenza nazzjonali, anzi x'aktarx imsaħħaħ mid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li affidaw it-tutela ta' ċerti drittijiet u tal-validità kostituzzjonali tal-liġijiet lil dawn il-Qrati. Għalhekk l-imsemmija limiti tal-poteri ġudizzjarji (forsi aħjar wieħed jitkellem fuq "doveri") biex jissindikaw, meta jiġu aditi miċ-ċittadini, l-aġir tal-Gvern u tad-dipartimenti u uffiċjali tiegħu għandhom ukoll jiġu mfittxija fil-liġi Ingliża in kwantu ġiet adottata bħala parti mil-liġi lokali;*

*Imma jekk wieħed ikompli jeżamina dak li ġara pereżempju, fi Franza, dwar l-atti tal-poter pubbliku klassifikati, kif fuq intqal, bħala actes de gouvernement, insibu li l-eżenzjoni tal-Istat mir-responsabbiltà għad-danni illum tinsab ristretta għal dawk l-atti li, kif jgħid l-istess Street[18] "may losely be compared with acts of State in English law". Huwa jindika bħala l-uniċi atti li fihom l-Istat jinsab eżentat mir-responsabbiltà għad-danni, l-atti leġislattivi, l-atti ġudizzjarji u l-actes du gouvernement. Dawn tal-aħħar, li l-iżjed jinteressaw il-każ preżenti, huwa jgħid li anki t-teorija tal-estensjoni tal-actes discretionaires kellha tiġi abbandunata, in kwantu li "to hold otherwise would make the Administration virtually free from any control". Id-deklin tat-teorija tal-atti tas-sovranità kien ġà beda wara xi sentenzi tal-1875 u 1877 (p. 72, noti 8 u 9) u minn hawn 'il quddiem "the search for a theory of actes de gouvenements was abondoned" u il-Conseil d'Etat kellu jibda jimxi b'mod emperiku, ċioè minn każ għall-każ indipendentement mit-teoriji preċedenti li kienu wasslu għal xi abbużi. Fil-kors ta' din il-ġurisprudenza*

[18] H. Street, Governmental Liability, Cambridge University Press, 1953, p. 16.

*tiegħu il-Conseil d'Etat illum, skont l-istess awtur, jirrikonoxxi biss tliet tipi ta' actes de gouvernement li fihom il-Gvern huwa eżenti mid-danni, u dawn huma biss l-atti diplomatiċi, l-atti li jiggarantixxu s-sigurtà pubblika u les faits de guerre (p. 73). Fuq l-awtorità ta' Jeze Principiles Generaux de Droit Administratif (passim), huwa jgħid ukoll li t-tieni kategorija ta' dawn l-atti, il-grupp tal-materji li jistgħu jidħlu taħt il-protezzjoni tas-sikurezza pubblika, ġjà sottopost mill-Qrati għall-interpretazzjoni restrittiva, b'mod li per eżempju, waqt li jistgħu jkopru stat ta' assedju, l-opinjoni li jinkludu wkoll "<u>actes en matiere de police sanitaire</u>, such as anti-flood or anti-epidemic measure", aċċettata erbgħin sena ilu , "no longer represents the law" (ibid). Anki fil-Belġju id-distinzjoni bejn <u>actes de gestion</u> u <u>actes d'autorité</u> ġiet rinunzjata u l-Istat huwa miżmum mill-Qrati responsabbli għat-tnejn (p. 23).*

*Minn dana jidher li anki kieku qatt it-teorija tal-<u>jus imperii</u> jew <u>actes d'autorité</u> kellha tiġi ikkunsidrata bħala konċett li b'xi mod għadu jifforma parti mil-liġi ta' Malta (u fuq dan il-Privy Council, fis-sentenza Buttigieg vs. Cross, P. C. Appeal No. 79 of 1944 donnu eżita jesprimi opinjoni) ma jkunx sew li wieħed jieqaf fuq il-valuri ta' erbgħin u ħamsin sena ilu u iżjed, meta dik id-dottrina bdiet dieħla Malta, u jittraskura d-deklin qawwi ta' dik id-dottrina minn dak iż-żmien 'l hawn, għax il-liġi u d-dottrina legali ma humiex statiċi daqs kemm kultant ipinġuhom u ukoll jimxu u jevolvu maż-żminijiet iktar liberali u demokratiċi li aħna fihom".*

L-awtur H. Street li ġie kkwotat estensivament fl-imsemmija sentenza tal-Imħallef Maurice Caruana Curran, jgħid dan li ġej dwar atti tal-Istat (Acts of State)[19]:

[19] Governmental Liability – A Comparative Study (Archon Books, 1975), p. 50-52.

*"N. Act of State*

*Anglo-American law does not recognise that there is an indefinite class of acts concerning matters of high policy or public security which may be left to the uncontrolled discretion of the Government and which are outside the jurisdiction of the courts. That principle was firmly established by the* ***General Warrant Cases*** *of the eighteenth century.*

*Perhaps the best definition of act of State in the restricted meaning which it has in English law is that of Wade:*[20]

> *'An act of the executive as a matter of policy performed in the course of its relations with another state, including its relations with the subjects of that state, unless they are temporarily within the allegiance of the Crown'".*

Mis-suespost jirriżulta b'mod ċar li l-ħatriet u l-promozzjonijiet ta' uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta m'għandhomx jitqiesu bħala atti tal-Istat taħt il-liġi Maltija, li f'materja ta' din ix-xorta issegwi dak li tgħid il-liġi Ingliża.

Din il-Qorti tqis illi kif intqal fis-sentenza su ċitata[21], l-Istat u r-rappreżentanti tiegħu "*huma dejjem azzjonabbli in difett ta' xi leġislazzjoni speċjali li teskludi ir-rimedju taċ-ċittadin".* Ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni speċjali li teskludi r-rimedju taċ-ċittadin f'każijiet bħal dawn, anzi għal kuntrarju teżisti leġiżlazzjoni speċjali, l-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385) li tgħid li l-Ombudsman għandu l-funzjoni li jinvestiga kull azzjoni li ssir minn jew f'isem il-Gvern ta' Malta, jew

[20] E. C. S. Wade, 'Act of State in English Law: Its Relations with International Law' in 15 B.Y.I.L.
[21] **John Lowell et vs. Onor. Dr. Carmelo Caruana noe et.**

awtorità, korp jew persuna oħra li għalihom japplika l-Att, li tkun azzjoni li ssir fit-twettiq tal-funzjonijiet amministrattivi tagħhom.[22] Skont Taqsima A tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Ombudsman, dan l-Att ma japplikax għall-Forzi Armati ta' Malta ħlief għar-rigward biss ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni tal-uffiċjali u suldati fl-istess armata[23].

Għalhekk il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman li jinvestiga l-ilmenti inkwistjoni toriġina minn dispożizzjoni speċifika tal-liġi u fuq kollox m'hemm l-ebda dispożizzjoni oħra fl-istess liġi jew f'xi liġi oħra li teżenta jew tagħti l-immunità lill-Istat mill-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman li jinvestiga tali ilmenti.

Fejn il-leġiżlatur ried jispeċifika li ċerti kwistjonijiet ma jistgħux jiġu investigati mill-Ombudsman, dan għamlu espliċitament fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Ombudsman. Fil-fatt il-paragrafi 1 u 2 tal-imsemmija skeda jagħmlu riferiment ċar għal kwistjonijiet li abbażi ta' dak li ġie kkonstatat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kważа fl-ismijiet **John Lowell et vs Onor. Dr Carmelo Caruana noe et.** u mill-Professur H. Street, jistgħu tabilħaqq jitqiesu li jaqgħu fi ħdan it-tifsira legali ta' 'Atti tal-Istat', ċjoè:

*"1. Kull kwistjoni li tista' tiġi ċertifikata mill-Prim Ministru bħala li tolqot is-sigurtà interna jew esterna ta' Malta.*

*2. Azzjoni li tittieħed fi kwistjonijiet ċertifikati mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin bħala li jolqtu r-relazzjonijiet*

[22] L-Artikolu 13(1) tal-Kap. 385.
[23] Ara l-Artikolu 12(3)(a) tal-Kap. 385.

*jew arranġamenti bejn il-Gvern ta' Malta u Gvern ieħor jew xi organizzazzjoni internazzjonali ta' Stati jew Gvernijiet".*

Għaldaqstant kwistjonijiet li jolqtu is-sigurtà interna jew esterna tal-pajjiż iridu jkunu speċifikati u ċċertifikati mill-Prim Ministru biex jitqiesu bħala atti tal-awtorità tal-Istat li ma jistgħux ikunu investigati mill-Ombudsman, liema ċertifikazzjoni ċertament ma saritx fir-rigward tal-kwistjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża.

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għall-Artikolu 24 tal-Att dwar l-Ombudsman li fil-fatt jgħid lil:

*"Ħlief għar-raġunijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ebda proċediment jew deċiżjoni tal-Ombudsman ma jistgħu jiġu kkontestati f'xi Qorti".*

Minn dan l-Artikolu jirriżulta b'mod ċar li finalment hija l-Qorti li għandha l-kompetenza tiddeċiedi għar-rigward ta' kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu dwar ġurisdizzjoni jew in-nuqqas tagħha bħalma nqalgħu f'dan il-każ u m'għandux ikun l-Eżekuttiv li jiddetermina tali kwistjonijiet billi jirrikorri għall-kunċetti arkajiċi u ta' żminijiet imbegħda bħal dak tal-Att tal-Istat li m'għadx għandhom fondament legali fl-ordinament ġuridiku tagħna bħala prinċipju ġenerali u semmai trid tkun xi leġiżlazzjoni speċjali li teskludi ir-rimedju taċ-ċittadin.

Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ombudsman applikabbli għall-kawża odjerna, ma kellhomx jiġu skartati u injorati mill-konvenuti, diment li l-konvenuti

baqgħu ma istitwewx proċeduri ġudizzjarji biex jikkontestaw quddiem il-Qrati il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman li jinvestiga l-imsemmija ilmenti skont il-Kap. 385.

Barra minn hekk għandu jiġi ppreċiżat li l-Ombudsman Parlamentari m'għandux il-poter li jiddikjkara null, invalidu jew mingħajr effett xi għemil amministrattiv, imma għandu biss il-funzjoni li jinvestiga, jirrapporta u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar ilmenti li jsirilu fl-ambitu tal-Att dwar l-Ombudsman.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li fi kwalunkwe każ ma jistax ikun argumentat li l-funzjonijiet li l-Ombudsman għandu taħt il-Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta jeżawtoraw il-poteri tal-Eżekuttiv, 'il għaliex wara kollox id-deċiżjonijiet ossija r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman mhumiex vinkolanti fuq l-Eżekuttiv u l-forza tagħhom hija aktar waħda 'morali' milli legali, ċjoè jistgħu jservu ta' ċensura pubblika fuq l-Eżekuttiv għad li legalment ma jorbtuhx.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tikkonkludi li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti m'għandhiex tiġi milqugħa.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti**

Il-konvenuti eċċepew ukoll in linea preliminari li l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan stante li fl-azzjoni odjerna l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali huwa diġà rappreżentat mis-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jirregola r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fi proċeduri ġudizzjarji. Fis-subartikolu (1) tiegħu, l-Artikolu 181B jgħid li "il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni.

Fil-kawża odjerna ġew imħarrkin biex iwieġbu għat-talbiet tal-attur il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u s-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru. L-imsemmi Artikolu 181B.(1) jagħmel riferiment għal kap ta' dipartiment u mhux għal Segretarju Permanenti fi ħdan Ministeru. Strettament il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja inkwistjoni ai termini tal-Artikolu 181B.(1) tal-Kap. 12 huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u mhux is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Evidentement is-Sur Kevin Mahoney ġie mħarrek f'dawn il-proċeduri sabiex iwieġeb partikolarment għar-raba' talba

attriċi u ċjoè li ma obdiex it-taħrika tal-Ombudsman u rrifjuta li jippreżenta d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li ġiet mitluba minnu.

Fil-fehma tal-Qorti l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali ġie mħarrek korrettament u huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri peress li mill-atti tal-kawża jirriżulta b'mod ċar li kien taħt id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet maħruġin minnu li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Ministeru tiegħu u l-Forzi Armati ta' Malta ma jipprovdux l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni neċessarja lill-Ombudsman inkonnessjoni mal-investigazzjoni li huwa ried jagħmel rigward l-ilmenti inkwistjoni.[24]

Din il-Qorti tqis illi dak li qed jiġi mpunjat permezz ta' dawn il-proċeduri mhumiex l-promozzjonijiet u l-ħatriet li taw lok għall-ilmenti inkwistjoni, imma jekk huwiex konformi mal-liġi l-għemil tal-konvenut Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali meta rrifjuta li jikkollabora mal-Ombudsman fl-investigazzjoni tiegħu tal-ilmenti inkwistjoni, l-ewwel bil-pretest li l-uffiċjali tal-Armata li ressqu l-ilmenti inkwistjoni ma kinux eżawrew ir-rimedji disponibbli taħt l-Att dwar il-Forzi Armati u sussegwentement meta sostna li l-Ombudsman m'għandux ġurisdizzjoni biex jinvestiga l-ilmenti peress li l-ħatriet u l-promozzjonijiet inkwistjoni huma Atti tal-Istat imwettqa taħt l-awtorità sovrana tal-Istat ad esklużjoni ta' kull awtorità oħra.

[24] Ara l-ittra datata 25 ta' Novembru, 2015 mibgħuta mill-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali lill-Ombudsman li tinsab esebita a fol. 56 - 57 tal-proċess.

Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **George Falzon vs Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Ikel u Attività Veterinarja**[25] fejn l-eċċezzjoni li l-ministru mħarrek fil-kawża ma kienx il-leġittimu kontradittur u li kien sufficjenti li ġie mħarrek il-kap tad-dipartiment, ma kinitx milqugħha peress li taħt il-Kap. 437 ir-responsabbiltà għas-servizzi veterinarji kienet tirrisjedi kemm fid-Direttur u kemm fil-Ministru.

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru għall-Izvilupp Urban u t-Toroq, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**[26] fejn l-imsemmija eċċezzjoni kienet ġiet miċħuda peress li L-avviż legali inkwistjoni inħareġ mill-Ministru, u huma it-termini ta' dak l-Avviż Legali nnifsu li kienu qed jiġu attakkati, u mhux it-tħaddim tal-istess avviż Legali.

Fil-kawża fl-ismijiet **Antoniette Greta Grima vs Ministru għall-Edukazzjoni u Impjiegi**[27] eċċezzjoni bħal din kienet ġiet miċħuda peress li l-azzjoni attriċi f'dik il-kawża "kienet tixli lill-Ministru b'deċiżjoni partikolari – dik li naqas li jħares l-interessi tagħha – u dan fuq għemil personali tiegħu fil-kwalità tiegħu ta' Ministru...".

[25] PA (RCP) deċiża fis-27 ta' Jannar, 2011.
[26] QA deċiża fis-6 ta' Frar, 2015
[27] PA (JRM) deċiża fit-2 ta' Jannar, 2015.

Il-Qorti tqis li fil-kawża odjerna il-Ministru għall-Intern u għas-Sigurtà Nazzjonali ġie mħarrek korrettement permezz tal-azzjoni attriċi billi ġie sostnut mill-attur li d-deċiżjoni partikolari li ma tiġix ipprovduta id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni neċessarja għall-investigazzjoni tal-Ombudsman dwar l-imsemmija ilmenti, ittieħdet ukoll "fuq għemil tiegħu personali fil-kwalità ta' Ministru".

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

**<u>L-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-attur u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti</u>**

Il-konvenuti eċċepew ukoll fir-raba' eċċezzjoni tagħhom li l-Ombudsman ma għandu l-ebda ġurisdizzjoni li jinvestiga l-ilmenti tal-uffiċjali fi ħdan l-Armata peress li l-Att dwar l-Ombudsman ma japplikax għall-korpi li huma elenkati fit-Taqsima B tal-Ewwel Skeda tal-istess Att sakemm ma tinġiebx prova b'sodisfazzjon tal-Ombudsman li tkun turi li kull mezz possibbli għall-ksib ta' rimedju jkun ġie eżawrit.

Il-konvenuti jsostnu li l-Ombudsman ma kellux ġurisdizzjoni fir-rigward tal-ilmenti billi, fil-fehma tagħhom dawk li ressqu l-ilmenti ma kinux eżawrew a sodisfazzjoni tal-Ombudsman kull mezz possibbli għall-ksib ta' rimedju, b'mod partikolari dak ipprovdut bl-Artikolu 160(2) tal-Kap. 220. Il-konvenuti jsostnu li in segwitu ta' għadd ta' eżerċizzji ta' promozzjonijiet li saru fil-Forzi Armati

ta' Malta, kien hemm xi uffiċjali li ressqu l-każ tagħhom quddiem il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati fejn staqsewh għadd ta' domandi. Il-Kap Kmandant wieġeb għal uħud minn dawn id-domandi u għad-domandi l-oħrajn wieġeb biss li kien għad ma kellux tweġiba. Il-konvenuti jsostnu li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ma kienx investiga u wisq inqas kien ħa xi deċiżjoni jekk l-ilment ta' dawn l-uffiċjali kienx ġustifikat jew le.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-uffiċjali li ressqu l-każ tagħhom quddiem il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati għamlu wkoll ilment mal-Uffiċċju tal-Ombudsman.

Min-naħa tiegħu l-Ombudsman beda jinvestiga dawn l-ilmenti imma skont hu sab "ostaklu insormontabbli" meta kemm il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kif ukoll il-konvenuti ħadu l-pożizzjoni li l-Ombudsman ma kellux ġurisdizzjoni fir-rigward tal-ilmenti, billi fil-fehma tagħhom, dawk li ressqu l-ilmenti ma ġabux prova [ai termini tal-Artikolu 12(3)(b) tal-Kap. 385] b'sodisfazzjon tal-Ombudsman li turi li huma eżawrew kull mezz possibbli ieħor biex jiksbu rimedju.

Permezz tal-ittra tiegħu lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u għas-Sigurtà Nazzjonali[28] datata 9 ta' April, 2014, l-Ombudsman iddikjara, għall-finijiet tal-Art. 12(3)(b) tal-Kap. 385, li dawk li kienu resqu l-ilmenti quddiemu kienu eżawrew ir-rimedji alternattivi li kellhom taħt xi liġi oħra.

[28] A fol. 30 - 32 tal-proċess.

L-Ombudsman wasal għal din il-konklużjoni abbażi tal-proviso għall-Artikolu 13(3) tal-Kap. 385 li jgħid li "l-Ombudsman jista' jmexxi investigazzjoni jekk ikun sodisfatt li fiċ-ċirkostanzi partikolari ma jkunx raġonevoli li tippretendi lil min jagħmel l-ilment li jipproċedi jew li jkun ipproċeda b'dawk il-mezzi ta' rimedju" taħt xi liġi oħra.

Fl-imsemmija ittra tad-9 ta' April, 2014 l-Ombudsman iddikjara, li, fiċ-ċirkostanzi ta' dawn il-każijiet, dawk li għamlu l-ilmenti ma setax ikun raġonevolment mistenni minnhom li jirrikorru għand il-President bħala mezz ta' rimedju 'il għaliex dan ikun effettivament jammonta għal rinunzja tad-dritt tagħhom ta' rikors għall-Ombudsman.

Din il-Qorti tqis illi l-Artikoli 12(3)(b) u 13(3) tal-Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu s-setgħa lill-Ombudsman biex jiddeċiedi jekk min ilmenta jkunx eżawrixxa r-rimedji disponibbli taħt liġijiet oħrajn u jekk l-Ombudsman ikkonkluda li dawn ir-rimedji jkunu ġew eżawriti kollha jew li ma jkunx raġonevoli li jippretendi li min għamel l-ilment jipproċedi b'dawk il-mezzi alternattivi ta' rimedju, il-konvenuti f'dawn iċ-ċirkostanzi kienu obbligati li jirrispettaw u josservaw l-ordnijiet u d-direzzjonijiet tal-Ombudsman bħala stat ta' dritt u mhux jirrifjutaw jew jinjoraw l-eżercizzju tal-awtorità superjuri tal-Ombudsman mogħtija lilu bis-saħħa tal-imsemmija dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi.

Fin-nuqqas ta' qbil tal-konvenuti ma' din id-deċiżjoni tal-Ombudsman, l-uniċi għażliet li kellhom miftuħin quddiemhom il-konvenuti kienu li jew jikkontestaw id-deċiżjoni su riferita tal-Ombudsman billi jiftħu kawża quddiem il-Qorti jew inkella li jressqu proposti leġiżlattivi għall-approvazzjoni tal-Parlament biex jiġi ċċarat kull ekwivoku, għalkemm wieħed irid jara jekk tali tibdil leġiżlattiv jekk u meta jsir, jistax ikollu effett retroattiv.

Fiċ-ċirkostanzi tal-kawża attwali fejn hemm żewġ liġijiet tal-pajjiż, il-Kap. 220 u l-Kap. 385, li jidhru li huma f'kunflitt ma' xulxin, ossija nħolqu ċerti diffikultajiet serji biex dawn iż-żewġ liġijiet jiġu interpretati u applikati b'mod konsistenti, din il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm dawn iż-żewġ liġijiet jistgħu jiġu interpretati u applikati b'mod konsistenti *pari passu* ma' xulxin, fi kwalunkwe każ jista' jiġi applikat il-prinċipju ta' interpretazzjoni ġuridika *lex posterior derogat priori*, ċjoè għandha tipprevali l-liġi l-aktar reċenti, f'dan il-każ l-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385).

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienx raġonevoli li tippretendi li dawk li għamlu l-ilmenti jirrikorru għall-proċedura invokata mill-konvenuti, ċjoè dik ikkontemplata fl-Artikolu 160(2) tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. Dan mhux biss għax il-*General Order* tal-11 ta' Novembru, 2011[29], li qatt ma ġiet irtirata u għadha fis-seħħ sal-lum, tagħti l-fakultà fl-ambitu ta' linji gwida ossija *modus vivendi* prattiku li kien ġie maqbul bejn il-partijiet kollha interessati, li min ikollu ilment jista' jew jirrikorri għall-proċedura taħt l-Artikolu 160(2) tal-

[29] A fol. 21 tal-proċess.

Kap. 220, inkella jista' jressaq l-ilment tiegħu direttament quddiem l-Ombudsman.

Barra minn hekk ir-rimedju pprovdut bl-Artikolu 160(02) tal-Kap. 220 jista' ma jkunx wieħed effettiv ukoll 'il għaliex hemm diverġenza bejn it-test Ingliż u t-test Malti ta' dan l-Artikolu, fis-sens li t-test Ingliż huwa ċar li l-ilment jiġi riferut lill-President tar-Repubblika f'każ li min jagħmel l-ilment ikun jeħtieġ dan, filwaqt li t-test Malti tal-liġi jgħid illi l-ilment jiġi hekk riferut jekk l-ilment ikun jeħtieġ dan. Peress li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u t-test Ingliż tal-liġi jipprevali t-test Malti, u t-test Malti jħalli d-deċiżjoni dwar jekk l-ilment jiġix riferut lill-President fid-diskrezzjoni tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, avolja abbażi ta' test oġġettiv dwar xi jkun jeħtieġ l-ilment, il-Qorti tqis li anki f'dan ir-rigward ir-rimedju ai termini tal-Artikolu 160(2) tal-Kap. 220 jista' ma jkunx wieħed xieraq u effettiv.

Fuq kollox din il-Qorti tqis li l-proċedura ai termini tal-Artikolu 160(2) tal-Kap. 220 ma tipprovdix rimedju xieraq u effettiv[30] lil dawk li għamlu ilment, imma huwa rimedju fid-dehra biss. 'Il għaliex mhux raġonevoli li tippretendi li dawk li għamlu ilment għandhom jirrikorru għal rimedju quddiem dawk li kontra tagħhom ikun qiegħed isir l-imsemmi ilment.

---

[30] Ara is-sentenza fl-ismijiet **William Vella pro et noe vs. Kummissarju tal-Artijiet et** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2013, fejn il-QK f'kuntest differenti ddeċidiet appell minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li kienet iddeċidiet li tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha għar-raġuni li l-appellanti kellhom mezz xieraq ta' rimedju taħt liġi ordinarja oħra għall-ksur allegat tal-jeddijiet tagħhom, tat is-segwenti tifsira ta' rimedju xieraq u effettiv: *"Ingredjent essenzjali għar-rifjut tal-ewwel Qorti li teżerċita s-setgħat tagħha taħt is-sub-inċiż 2, huwa l-eżistenza ta' rimedju xieraq, li l-ġurisprudenza nterpretattiva nostrana tiddeskrivi bħala rimedju aċċessibbli, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat. Biex rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku u effikaci".*

L-eżerċizzji tal-promozzjonijiet inkwistjoni effettivament saru taħt ir-responsabbiltà amministrattiva tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati u taħt ir-responsabbiltà ministerjali tal-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Ir-rimedju li jista' jingħata ai termini tal-Artikolu 160(2) tal-Kap. 220 lil dawk li għamlu l-ilment, fl-ewwel lok jista' jingħata mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li wara li jinvestiga l-ilment jista' jagħti r-rimedju li jidhirlu li jkun meħtieġ u fit-tieni lok, f'każijiet fejn l-ilment hekk ikun jeħtieġ, il-Kmandant għandu permezz tal-Ministru jagħmel rapport tal-ilment lill-President ta' Malta sabiex jirċievi d-direttivi tal-President ta' Malta. Fejn skont din l-istess proċedura ilment jiġi riferut lill-President ta' Malta biex din tagħti d-direttivi tagħha dwar l-ilment, dan effettivament ifisser li tali direttivi fil-prattika se jingħataw mill-Ministru konċernat, għaliex il-President fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taġixxi skont il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru kkonċernat[31], ħlief f'istanzi straordinarji jew partikolari indikati fil-Kostituzzjoni li mhuma ta' ebda rilevanza għall-kawża odjerna.

Oltre dan "ir-rimedju għal ilmenti" ipprovdut bl-Artikolu 160 tal-Kap. 220 jista' ma jkunx wieħed xieraq u effettiv fiċ-ċirkostanzi tal-każ peress li jista' jwassal għas-sitwazzjoni anomala li dawk li ressqu l-ilment, wara li l-President tkun tat id-direttivi tagħha dwar l-ilment, ma jkunux jistgħu jirrikorru quddiem l-Ombudsman peress li dan l-Att dwar l-Ombudsman ma japplikax għall-President ta' Malta.[32]

[31] Ara l-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni.
[32] Ara l-Artikolu 12(3)(a) tal-Kap. 385.

Din il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ ir-rimedju pprovdut ai termini tal-Artikolu 160(2) tal-Kap. 220 mhuwiex wieħed xieraq, effettiv u adegwat, 'il għaliex mhuwiex raġjonevoli li wieħed jippretendi minn dawk li għamlu ilment li dawn jirrikorru għal rimedju quddiem min seta' kien il-kaġun ta' dak l-ilment u li kien direttament jew indirettament involut fil-fatti li taw lok għall-ilment.

Hija l-fehma tal-Qorti li l-attur meta eżerċita d-diskrezzjoni li għandu taħt il-proviso għall-Artikolu 13(3) tal-Kap. 385, kien raġonevoli meta ddikjara li kien sodisfatt li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jippretendi li min għamel l-ilment jipproċedi bil-mezzi ta' rimedju pprovduti bl-Artikolu 160 tal-Kap. 220 u għalhekk seta' jipproċedi bl-investigazzjoni tiegħu dwar l-ilmenti inkwistjoni ai termini tal-Kap. 385.

**<u>Ir-raba' talba tal-attur u t-tnax -il eċċezzjoni tal-konvenut</u>**

Permezz tar-raba' talba tiegħu l-attur talab li din il-Qorti tiddikjara li s-Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali jinstab ħati ta' disprezz lejn l-Ombudsman talli ma obdiex it-taħrika (Dok O anness mar-Rikors Maħluf) u talli rrifjuta li jippreżenta d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba minnu.

Min-naħa tiegħu l-konvenut eċċepixxa li mhux korrett l-attur meta talab li s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru jiġi misjub ħati ta' disprezz u dan

stante li fl-ewwel lok l-Ombudsman ma seta' qatt jibda jinvestiga l-ilmenti u jiġbor provi dwar l-ilmenti ġaladarba ma għandux ġurisdizzjoni kif ukoll stante li dan mhuwiex il-forum appożitu sabiex tinġieb tali talba skont l-Artikolu 19(3) tal-Att dwar l-Ombudsman.

L-Artikolu 19(3) tal-Kap. 385 jgħid illi:

> *"Kull persuna mħarrka kif imsemmi qabel li tirrifjuta jew mingħajr kawża ġusta tonqos milli tattendi fil-ħin u fil-post imsemmija fit-taħrika, jew tirrifjuta mingħajr kawża ġusta li twieġeb jew li twieġeb bis-sħiħ u b'mod sodisfaċenti fil-qies ta' kemm taf u tifhem kull mistoqsija li ssirilha mill-Ombudsman, jew li tirrifjuta jew tonqos mingħajr kawża ġusta li tipproduċi xi dokument li l-Ombudsman ikun ħtiegħa li tipproduċi, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:*
>
> *Iżda, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), ebda persuna li tkun qiegħda tixhed quddiem l-Ombudsman ma tista' tinġiegħel twieġeb għal xi domanda li għandha mnejn tesponiha għal xi prosekuzzjoni kriminali, u kull tali persuna għandu jkollha jedd, għar-rigward ta' kull xhieda minnha mogħtija quddiem l-Ombudsman, għall-istess privileġġi li jkollu jedd għalihom xhud li jkun qiegħed jixhed quddiem qorti tal-ġustizzja."*

Il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 19 tal-Kap. 385 ma jagħmel l-ebda riferiment għall-proċeduri ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Ombudsman. L-imsemmi artikolu jgħid li persuna li tkun imħarrka biex tipprovdi tagħrif jew biex tipproduċi

dokumentazzjoni li fil-fehma tal-Ombudsman ikollhom rilevanza għall-investigazzjoni tiegħu, jekk din tonqos jew tirrifjuta li tagħmel dan mingħajr kawża ġusta, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja multa jew/u priġunerija.

Evidentement din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' proċeduri kriminali li jiġu istitwiti ai termini tal-Artikolu 19(3) tal-Kap. 385 u għaldaqstant ir-raba' talba attriċi għandha tiġi miċħuda.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti għajr għat-tnax (12) -il eċċezzjoni li qiegħda tiġi milqugħa, qiegħda tilqa' t-talbiet attriċi kollha, għajr għar-raba' (4) talba, kif ġej:**

1. **Tiddikjara li l-Ombudsman għandu ġurisdizzjoni biex jinvestiga ilmenti għar-rigward (biss) ta' ħatriet, promozzjonijiet, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' uffiċjali u suldati fil-Forzi Armati ta' Malta;**

2. **Tiddikjara li hu l-Ombudsman li jiddeċiedi jekk għandu jew m'għandux jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ai termini tal-Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta f'każijiet fejn hemm mezzi ta' rimedji oħrajn taħt xi liġi oħra;**

3. **Tiddikjara li la darba l-Ombudsman iddikjara ai termini tal-Artikolu 13(3) tal-Kap. 385 tal-Liġijiet ta' Malta li kien sodisfatt li fiċ-ċirkostanzi partikolari ma kienx raġonevoli li tippretendi li l-uffiċjali tal-Armata li resqu l-ilmenti jirrikorru għand il-President bħala mezz ta' rimedju, huwa jista' jimxi 'l quddiem bl-investigazzjonijiet tiegħu dwar l-ilmenti inkwistjoni;**

4. **Tordna lill-konvenuti jipprovdu l-informazzjoni li talab u li jista' jitlob l-Ombudsman fir-rigward tal-ilmenti inkwistjoni, u jidhru quddiemu jekk l-Ombudsman hekk jitlob.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------